



29.6.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar
Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew (PEPP)
(COM(2017)0343 – C8-0219/2017 – 2017/0143(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Heinz K. Becker

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-familji tal-UE huma fost l-ikbar faddala fid-dinja, iżda l-parti l-kbira ta' dan it-tfaddil jinżamm f'kontijiet tal-bank b'maturitajiet qosra. Investiment ikbar fis-swieq kapitali jista' jgħin biex jintlaħqu l-isfidi li jgħibu magħhom it-tixjiħ tal-popolazzjoni u **r-rati** baxxi tal-imgħax.

Emenda

(1) Il-familji tal-UE huma fost l-ikbar faddala fid-dinja, iżda l-parti l-kbira ta' dan it-tfaddil jinżamm f'kontijiet tal-bank b'maturitajiet qosra **u redditi baxxi**. **Madankollu, ir-rati ta' tfaddil tal-unitajiet domestiċi jvarjaw b'mod sinifikanti fost il-pajjiżi tal-UE u d-differenzi persistenti fost l-istati membri tal-UE jista' jkollhom impatt fuq l-investiment u t-tkabbir peress li t-tfaddil tal-unitajiet domestiċi huwa sors importanti ta' finanzjament importanti għall-investiment pubbliku u privat.** Investiment ikbar fis-swieq kapitali jista' jgħin biex jintlaħqu l-isfidi li jgħibu magħhom it-tixjiħ tal-popolazzjoni, **ir-rati** baxxi tal-imgħax **u l-livelli baxxi ta' investiment fit-tul.**

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) Sabiex jiżguraw standards ta' għajxien deċenti għall-pensjonanti attwali u futuri, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu prijorità lill-iżvilupp, it-tisħiħ u r-riforma ulterjuri tal-ewwel (pubbliku) u t-tieni (okkupazzjonali) pilastru tas-sistemi tal-pensjoni nazzjonali. Dawn iż-żewġ pilastru għadhom ta' importanza kbira għall-introjtu fix-xjuħija u s-sostenibbiltà tal-

iskemi nazzjonali. Jenħtieġ li l-PEPPs ma jissostitwixxu jew idgħajfu l-iskemi tal-ewwel u t-tieni pilastru. Biex jikkonsolidaw ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa għal dawn il-pilastri, jeħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw ukoll kemm il-qgħad kif ukoll ix-xogħol mhux iddikjarat u mhux assigurat. Madankollu, fid-dawl tat-tnaqqis imminenti tal-popolazzjoni attiva minn proporzjon ta' 1:4 għal 1:2, huwa kruċjali li jkun hemm approċċ għall-pensjonijiet fuq diversi pilastri. Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew volontarju u fit-tul jikkomplementa u jsahha it-tfaddil pensjonistiku eżistenti, billi jżid l-adegwatezza tagħhom u l-kopertura għal kategoriji ta' persuni li qabel kienu ffaċċjati b'nuqqas, jew b'nuqqas parzjali, ta' kopertura adegwata, bħan-nisa, iż-żghażaġh, il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-persuni f'forom ta' impjeg atipiċi jew ġodda.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1b) Fl-2015, 11,3 miljun ċittadin tal-UE-28 fl-età tax-xogħol (bejn 20 u 64 sena) kienu residenti fi Stat Membru li mhux dak taċ-ċittadinanza tagħhom, u 1,3 miljun ċittadin tal-UE-28 kienu qed jaħdmu fi Stat Membru li mhux dak tar-residenza tagħhom.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 1c (ġdida)

(1c) Il-pensjonijiet tax-xjuħija jikkostitwixxu parti essenzjali mill-introjtura ta' persuna ritirata, biex ikun żgurat livell ta' għajxien deċenti u jiġi miġġieled il-faqar fix-xjuħija. Dan hu prekundizzjoni għall-eżerċitar tad-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż fl-Artikolu 25 dwar id-drittijiet tal-anzjani, li jgħid: "L-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-drittijiet tal-anzjani li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali", kif ukoll id-drittijiet minquxa fir-Rakkomandazzjoni tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani tal-Kunsill tal-Ewropa^{1a}.

Ia Rakkomandazzjoni CM/Rec(2014)2 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem tal-anzjani

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 1d (ġdida)

(1d) Il-PEPP jenħtieġ li jipprovdi għażla volontarja addizzjonali għat-tfaddil għall-irtirar liċ-ċittadini tal-Unjoni u se jsaħħaħ il-portabilità tal-intitolamenti taċ-ċittadini. Se jikkomplementa wkoll is-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u d-Direttiva 2014/50/UE.

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 1e (ġdida)

(1e) It-tixjiħ tas-soċjetà u t-tnaqqis fir-rati tat-twelid huma sfidi demografiċi sinifikanti għall-Unjoni, u dan jhedded kemm l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet kif ukoll is-solidarjetà interġenerazzjonali. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni u l-bidliet fis-suq tax-xogħol x'aktarx ikomplu jiggravaw il-problema u jżidu l-persjoni fuq il-pensjonijiet tal-ewwel u t-tieni pilastru.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 1f (ġdida)

(1f) Fl-Unjoni għadha teżisti diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi, ikkawżata wkoll minn kontribuzzjonijiet irregolari lill-iskemi tal-pensjonijiet minħabba interruzzjonijiet tax-xogħol jew tal-kontribuzzjonijiet minħabba l-maternità jew il-kura tat-tfal. Il-pensjoni ta' mara rtirata bejn l-età ra' 65 u 79 sena fl-Unjoni, bħala medja hija kważi 40 % inqas minn dik ta' raġel fl-istess sitwazzjoni. Il-PEPP jista' jipprovdihom għażla oħra biex jakkumulaw pensjoni adegwata.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 1g (ġdida)

(1g) Fil-preżent, skont l-EIOPA, 67 miljun ruħ biss, jew 27 % tal-popolazzjoni totali tal-UE tal-età ta' bejn 25 u 59 sena, għażlu li jissottoskrivu volontarjament għal prodotti finanzjarji

b'objettiv ta' pensjoni fit-tul, u dan hu kkonċentrat fi ftit Stati Membri biss.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 1h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1h) Jenħtieġ li l-PEPP primarjament ikun strument ta' appoġġ fit-tul bil-għan li jiġi żgurat livell ta' għajxien tajjeb wara l-irtirar, b'mod speċjali għaċ-ċittadini żgħażaġh tal-Unjoni. Il-PEPP jista' jtejjeb b'mod effikaċi l-kapaċità li jiġu koperti l-kostijiet meħtieġa biex jinżamm l-istandard tal-għajxien individwali wara l-irtirar.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 1i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1i) L-Unjoni qed tiffaċċja sfida demografika tikber, li eventwalment se twassal biex il-proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija kurrenti ta' 1:4 jonqos għal 1:2 sal-2060. Għal kull ċittadin ta' 65 sena jew aktar, hemm 4 persuni bejn il-15 u l-64 sena u sal-2060 se jkun hemm 2 persuni bejn dawk l-etajiet għal kull ċittadin ta' 65 sena jew aktar.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 1j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1j) Il-portabilità tal-PEPP tagħmlu aktar attraenti bħala prodott,

partikolarment għaż-żgħażagħ, u tgħin biex ikompli jiġi ffaċilitat id-dritt taċ-ċittadini li jgħixu u jaħdmu fl-Unjoni kollha.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 1k (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1k) Il-PEPP bħala qafas Ewropew għall-pensjonijiet personali huwa speċifikament meħtieġ u utli għal dawk li ma jikkwalifikawx għal pensjoni adegwata jew li jixtiequ jkollhom pjan ta' tfaddil komplementari għall-iskemi nazzjonali.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3) Bħalissa, il-funzjonament tas-suq intern għall-pensjonijiet personali hu mxeġġ mill-grad għoli ta' frammentazzjoni bejn is-swieq nazzjonali u l-grad limitat ta' portabilità tal-prodotti tal-pensjoni personali. Dan jista' jirriżulta f'diffikultajiet għall-individwi biex jużaw il-libertajiet bażiċi tagħhom. Pereżempju, dawn jaf ma ***jkunux jistgħu jsibu*** impjieġ jew jirtiraw fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-possibbiltà għall-fornituri li jużaw il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi hi mxeġġla min-nuqqas ta' standardizzazzjoni tal-prodotti tal-pensjoni personali eżistenti.

(3) Bħalissa, il-funzjonament tas-suq intern għall-pensjonijiet personali hu mxeġġ mill-grad għoli ta' frammentazzjoni bejn is-swieq nazzjonali u l-grad limitat ta' portabilità tal-prodotti tal-pensjoni personali. Dan jista' jirriżulta f'diffikultajiet għall-individwi biex jużaw il-libertajiet bażiċi tagħhom. Pereżempju, dawn jaf ma ***jitħallewx ifittxu jew isibu*** impjieġ jew jirtiraw fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-possibbiltà għall-fornituri li jużaw il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà ta' forniment ta' servizzi hi mxeġġla min-nuqqas ta' standardizzazzjoni tal-prodotti tal-pensjoni personali eżistenti.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4 a) Minħabba l-kontribuzzjoni li PEPP mistenni jagħmel fl-implimentazzjoni tas-CMU u fit-twassil ta' kapitali lejn l-ekonomija reali u proġetti sostenibbli fit-tul, il-faddala jeħtieġ jiġu involuti fil-proċess li jagħmilhom konxji mill-interessi finanzjarji u mhux finanzjarji tagħhom u mir-relazzjoni reċiproka bejn il-prestazzjoni tal-prodott u l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza. L-effikaċja ta' dan il-proċess hija marbuta ma' livell għoli ta' trasparenza u divulgazzjoni kif ukoll mal-involviment adegwat tal-faddala.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(9 a) Persuni b'introjtu iktar baxx u dawk li jkunu qattgħu inqas żmien fis-suq tax-xogħol għandhom inqas spazju finanzjarju biex jinvestu fi prodotti tal-pensjoni personali, u dan iwassal għal żieda fl-inugwaljanza fl-introjtu fix-xjuħija. Dan hu l-każ, b'mod partikolari, għan-nisa iġenerali minħabba d-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa li taffettwawhom tul il-karriera professjonali tagħhom, u billi huma jqattgħu aktar żmien barra mis-suq tax-xogħol biex jassumu responsabbiltajiet ta' indukrar, mingħajr introjtu jew b'introjtu baxx ħafna.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Fost il-prodotti tal-pensjoni personali, l-iżvilupp ta' PEPP se jikkontribwixxi biex jiżdiedu l-għażliet għat-tfaddil għall-irtirar u jstabbilixxi suq tal-UE għall-fornituri tal-PEPP. Hu *se* jipprovdi lill-unitajiet domestiċi b'għażliet aħjar biex jilħqu l-miri tal-irtirar tagħhom.

Emenda

(10) Fost il-prodotti tal-pensjoni personali, l-iżvilupp ta' PEPP se jikkontribwixxi biex jiżdiedu l-għażliet għat-tfaddil għall-irtirar u jstabbilixxi suq tal-UE għall-fornituri tal-PEPP. Hu ***jenħtieġ li*** jipprovdi lill-unitajiet domestiċi b'għażliet aħjar, ***regolati tajjeb, sikuri, soċjalment responsabbli u sostenibbli*** biex jilħqu l-miri tal-irtirar ***tagħhom, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet u l-preferenzi*** tagħhom.

Emenda 17

**Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Dan ir-Regolament dwar il-PEPP ma jwaqqaf bl-ebda mod lill-Istati Membri milli jkomplu jorganizzaw skemi tal-pensjonijiet tax-xjuħija fuq bażi kollettiva.

Emenda 18

**Proposta għal regolament
Premessa 11**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11) Qafas leġiżlattiv għal PEPP jistabbilixxi l-pedamenti għal suq li jirnexxi fl-investimenti affordabbli u volontarji relatati mal-irtirar li jistgħu jiġu ġestiti fuq skala pan-Ewropea. ***Billi jikkomplimenta l-prodotti u l-iskemi tal-pensjonijiet eżistenti, dan se jikkontribwixxi għall-issodisfar tal-ħtiġijiet*** tan-nies li jixtiequ jsaħħu l-adeqwatezza tat-tfaddil għall-irtirar tagħhom, ***filwaqt li jindirizza*** l-isfida demografika u jipprovdi sors ġdid b'saħħtu ta' kapital privat ***għall-investment ta'***

(11) Qafas leġiżlattiv għal PEPP jistabbilixxi l-pedamenti għal suq li jirnexxi fl-investimenti affordabbli u volontarji relatati mal-irtirar li jistgħu jiġu ġestiti fuq skala pan-Ewropea. ***Il-PEPP se jikkontribwixxi biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet*** tan-nies li jixtiequ jsaħħu l-adeqwatezza tat-tfaddil għall-irtirar tagħhom, ***u jassisti biex tiġi indirizzata*** l-isfida demografika u ***d-distakk eżistenti fil-pensjonijiet, billi*** jipprovdi sors ġdid b'saħħtu ta' kapital privat ***għal investment fit-tul u sostenibbli, inkluż l-investment***

terminu twil. Dan il-qafas mhuwiex se jieħu post jew jarmonizza l-iskemi nazzjonali eżistenti **tal-pensjonijiet personali.**

soċjali. Dan il-qafas mhuwiex se jieħu post jew jarmonizza **l-prodotti tal-pensjonijiet personali jew** l-iskemi **okkupazzjonali** nazzjonali eżistenti.

Emenda 19

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikollhom aċċess għas-suq tal-Unjoni kollu b'awtorizzazzjoni unika tal-prodott maħruġa mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("EIOPA"), fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' regoli.

Emenda

(14) Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikollhom aċċess għas-suq tal-Unjoni kollu b'awtorizzazzjoni unika tal-prodott maħruġa mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol ("EIOPA"), fuq il-bażi ta' sett wieħed ta' regoli **u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.**

Emenda 20

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14 a) Il-mod li bih l-istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) huma organizzati u rregolati jvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. F'xi Stati Membri, dawn l-istituzzjonijiet jitħallew iwettqu biss attivitajiet relatati mal-pensjonijiet okkupazzjonali filwaqt li fi Stati Membri oħra jitħallew iwettqu attivitajiet relatati mal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali. Dan mhux biss wassal għal strutturi organizzattivi differenti fil-livell tal-IORPs iżda huwa wkoll akkumpanjat minn superviżjoni differenti fil-livell nazzjonali. B'mod partikolari, is-superviżjoni prudenzjali tal-IORPs li jwettqu attivitajiet relatati mal-pensjonijiet okkupazzjonali u personali hija usa' minn ta' dawk l-IORPs li jwettqu biss attivitajiet

relatati mal-pensjonijiet okkupazzjonali. Sabiex ma tiġix ipperikolata l-istabilità finanzjarja u biex jiġiesu d-differenzi fl-istruttura organizzattiva u fis-superviżjoni, jenħtieġ li daww l-IORPs li, skont il-liġi nazzjonali, huma awtorizzati u ssorveljati b'mod adegwat biex jipprovdu prodotti tal-pensjoni personali biss jitħallew jipprovdu PEPPs. Barra minn hekk, u sabiex tiġi salvagwardjata aktar l-istabilità finanzjarja, jenħtieġ li l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha korrispondenti għan-negozju tal-forniment tal-PEPP ikunu delimitati, ġestiti u organizzati b'mod separat mill-attivitajiet l-oħra ta' negozju fil-qasam tal-provvista ta' rtirar okkupazzjonali, mingħajr ebda possibilità ta' trasferiment.

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15 a) Jenħtieġ li r-reġim tat-taxxa applikabbli għall-PEPP jiġi definit mill-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru fejn faddal ikun ikkontribwixxa għall-PEPP. Għaldaqstant, il-prodott tal-PEPP jiġi intaxxat f'kull Stat Membru fejn faddal tal-PEPP ikun ikkontribwixxa b'mod proporzjonali skont il-livell ta' kontribuzzjoni f'kull Stat Membru rispettivament.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20 a) Il-pensjonijiet tul il-ħajja u sigurtà finanzjarja addizzjonali biex tkopri riskji bħad-diżabilità, il-mewt jew il-kura fit-tul

huma karatteristiċi essenzjali ta' prodott tal-pensjoni komplet. Il-prodotti tal-pensjoni jenħtieġ li jipprovdu lill-klijent introjtu addizzjonali sikur u stabbli fit-tul wara l-irtirar.

Emenda 23

Proposta għal regolament Premessa 20b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20 b) Il-pjanijiet tal-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn pronjożijiet li jiffukaw fuq il-valur tal-fondi, ir-redditu fuq l-investment, l-inflazzjoni stmata u t-tkabbir ekonomiku.

Emenda 24

Proposta għal regolament Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) Biex tkun tista' ssir tranżizzjoni mingħajr intoppi għall-fornituri tal-PEPP, l-obbligu ta' forniment tal-PEPPs li jinkludu kompartimenti għal kull Stat Membru se japplika għal tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Madankollu, mat-tnedija ta' PEPP, jenħtieġ li l-fornitur jipprovdi informazzjoni dwar liema kompartimenti nazzjonali huma disponibbli minnufih, biex jiġi evitat tqarriq possibbli tal-konsumaturi.

(21) Mat-tnedija ta' PEPP, jenħtieġ li l-fornitur jipprovdi informazzjoni dwar liema kompartimenti nazzjonali huma disponibbli minnufih fil-kuntratt. Meta faddal ta' PEPP ibiddel id-domiċilju tiegħu għal Stat Membru ieħor fejn il-fornitur tal-PEPP ma joffrix kompartiment disponibbli fil-pront, il-bidla tal-fornitur għandha tkun mingħajr ħlas għall-klijenti kollha. Jenħtieġ li l-benefiċjarji tal-PEPP ikunu jistgħu jirriċievu l-ħlasijiet tal-PEPP irrispettivament mill-Istat Membru fejn jirrisjedu.

Emenda 25

Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

(21 a) Sabiex jiġu ffaċilitati d-dispożizzjonijiet għall-ftuħ ta' kompartimenti nazzjonali fl-Istati Membri kollha, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikunu jistgħu jidħlu fi sħubijiet ma' fornituri oħrajn tal-PEPP.

Emenda 26

Proposta għal regolament Premessa 22

(22) Fid-dawl tan-natura tal-iskema tal-pensjoni stabbilita u l-piż amministrattiv involut, jenħtieġ li l-fornituri u d-distributuri tal-PEPP jipprovdu informazzjoni ċara u adegwata lill-faddala u lill-benefiċjarji potenzjali tal-PEPP biex jassistu t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom dwar l-irtirar tagħhom. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-fornituri u d-distributuri tal-PEPP jiżguraw ukoll livell għoli ta' trasparenza tul id-diversi fażijiet ta' skema li jinkludu l-prereġistrazzjoni, is-sħubija (inkluż l-irtirar kmieni) u wara l-irtirar. B'mod partikolari, jenħtieġ li tingħata informazzjoni dwar l-intitolamenti dovuti tal-pensjoni, il-livelli proġettati tal-benefiċċji tal-irtirar, ir-riskji u l-garanziji, u ***l-kostijiet. Fejn*** il-livelli proġettati tal-benefiċċji tal-irtirar ikunu bbażati ***fuq xenarji ekonomiċi, dik l-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi wkoll*** xenarju sfavorevoli, ***li għandu jkun estrem iżda plawżibbli.***

(22) Fid-dawl tan-natura tal-iskema tal-pensjoni stabbilita u l-piż amministrattiv involut, jenħtieġ li l-fornituri u d-distributuri tal-PEPP jipprovdu informazzjoni ċara u adegwata lill-faddala u lill-benefiċjarji potenzjali tal-PEPP biex jassistu t-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom dwar l-irtirar tagħhom. Għall-istess raġuni, jenħtieġ li l-fornituri u d-distributuri tal-PEPP jiżguraw ukoll livell għoli ta' trasparenza tul id-diversi fażijiet ta' skema li jinkludu l-prereġistrazzjoni, is-sħubija (inkluż l-irtirar kmieni) u wara l-irtirar. B'mod partikolari, jenħtieġ li tingħata informazzjoni dwar l-intitolamenti dovuti tal-pensjoni, il-livelli proġettati tal-benefiċċji tal-irtirar, ir-riskji u l-garanziji, ***il-kostijiet u l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza.*** Il-livelli proġettati tal-benefiċċji tal-irtirar ***għandhom*** ikunu bbażati, ***fost affarijiet oħra, fuq xenarji ekonomiċi, inkluż*** xenarju sfavorevoli.

Emenda 27

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Qabel ma jissieħbu fi skema tal-PEPP, jenħtieġ li l-faddala potenzjali tal-PEPP jingħataw l-informazzjoni neċessarja kollha biex jagħmlu għażla informata.

Emenda

(23) Qabel ma jissieħbu fi skema tal-PEPP, jenħtieġ li l-faddala potenzjali tal-PEPP jingħataw l-informazzjoni neċessarja kollha biex jagħmlu għażla informata ***bl-għoti ta' pariri li jivvalutaw it-talbiet u l-ħtiġijiet tat-tfaddil tagħhom.***

Ġustifikazzjoni

Parir jista' jkun għodda sinifikanti sabiex il-konsumaturi jkunu konxji mill-għażliet tagħhom.

Emenda 28

**Proposta għal regolament
Premessa 24**

Test propost mill-Kummissjoni

(24) ***Bex*** jiżguraw trasparenza ottimali tal-prodotti, jenħtieġ li ***l-manifatturi*** tal-PEPP ifasslu dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP għall-PEPPs li huma jimmanifatturaw qabel ma l-prodott ikun jista' jitqassam lill-faddala tal-PEPP. Jenħtieġ li jkunu responsabbli wkoll għall-eżattezza tad-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP jenħtieġ li jieħu post u jadatta d-dokument bit-tagħrif ewlieni għal prodotti ta' investiment għall-konsumatur u bbażati fuq l-assigurazzjoni pprovduti f'pakkett skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³³ li ma jkollhomx jiġu pprovduti għall-PEPPs.

Emenda

(24) ***Sabiex*** jiżguraw trasparenza ottimali tal-prodotti, jenħtieġ li ***l-fornituri*** tal-PEPP ifasslu dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP għall-PEPPs li huma jimmanifatturaw qabel ma l-prodott ikun jista' jitqassam lill-faddala tal-PEPP. Jenħtieġ li jkunu responsabbli wkoll għall-eżattezza tad-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP. Id-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP jenħtieġ li jieħu post u jadatta d-dokument bit-tagħrif ewlieni għal prodotti ta' investiment għall-konsumatur u bbażati fuq l-assigurazzjoni pprovduti f'pakkett skont ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li ma jkollhomx jiġu pprovduti għall-PEPPs.

³³ Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1.

³³ Ir-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs), ĠU L 352, 9.12.2014, p. 1.

Emenda 29

Proposta għal regolament Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Il-kalkolaturi tal-prodotti tal-pensjoni diġà qed jiġu żviluppati fil-livell nazzjonali. Madankollu, biex daww il-kalkolaturi jkunu utli kemm jista' jkun għall-konsumaturi, jenħtieġ li dawn ikopru l-kostijiet u t-tariffi imposti mid-diversi **manifatturi** tal-PEPP, flimkien ma' kwalunkwe kost jew tariffa ulterjuri imposti minn intermedjarji jew minn partijiet oħrajn tal-katina tal-investment, li ma jkunux diġà ġew inklużi **mill-manifatturi** tal-PEPP.

Emenda 30

Proposta għal regolament Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 31

Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(26) Il-kalkolaturi tal-prodotti tal-pensjoni diġà qed jiġu żviluppati fil-livell nazzjonali. Madankollu, biex daww il-kalkolaturi jkunu utli kemm jista' jkun għall-konsumaturi, jenħtieġ li dawn ikopru l-kostijiet u t-tariffi imposti mid-diversi **fornituri** tal-PEPP, flimkien ma' kwalunkwe kost jew tariffa ulterjuri imposti minn intermedjarji jew minn partijiet oħrajn tal-katina tal-investment, li ma jkunux diġà ġew inklużi **mill-fornituri** tal-PEPP.

Emenda

(26a) L-investituri jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà – permezz ta' applikazzjoni speċifika – li jikkalkulaw il-livelli tal-provvista matul il-perjodu tad-dekumulazzjoni.

Emenda

(28a) Il-komunikazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni jenħtieġ li tisfrutta l-opportunitajiet offruti mid-diġitalizzazzjoni u tippreżenta l-karatteristiċi tal-PEPP b'mod sempliċi, li jinftiehem malajr u faċli għall-utent,

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni

(29) Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ifasslu Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni indirizzat lill-faddala tal-PEPP, biex jippreżentawhom data personali u ġenerika ewlenija dwar l-iskema tal-PEPP u jiżguraw informazzjoni kontinwa dwarha. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni jenħtieġ li jkun ċar u komprensiv u jenħtieġ li jkun fih informazzjoni rilevanti u xierqa sabiex jiffaċilita l-fehim tad-drittijiet tal-pensjoni matul iż-żmien u minn skema għal oħra u biex jaqdi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.

Emenda

(29) Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ifasslu Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni indirizzat lill-faddala tal-PEPP, biex jippreżentawhom data personali u ġenerika ewlenija dwar l-iskema tal-PEPP u jiżguraw informazzjoni kontinwa dwarha. ***Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni jenħtieġ li jkun indirizzat ukoll lill-benefiċjarji tal-PEPP jekk ikun hemm qbil dwar dan min-naħa tal-faddal tal-PEPP.*** Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-Pensjoni jenħtieġ li jkun ċar, ***aġġornat, sempliċi*** u komprensiv u jenħtieġ li jkun fih informazzjoni rilevanti u xierqa sabiex jiffaċilita l-fehim tad-drittijiet tal-pensjoni ***supplementari*** matul iż-żmien u minn skema għal oħra u biex jaqdi l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol.

Emenda 33

Proposta għal regolament Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) Biex jiġu protetti b'mod adegwat id-drittijiet tal-faddala tal-PEPP u tal-benefiċjarji tal-PEPP, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikunu kapaċi jagħżlu allokkazzjoni tal-assi li tkun taqbel man-natura preċiża u mad-durata tal-obbligazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, huma meħtieġa superviżjoni effiċjenti kif ukoll attitudni lejn regoli ta' investment li tagħti lill-fornituri tal-PEPP

Emenda

(32) Biex jiġu protetti b'mod adegwat id-drittijiet tal-faddala tal-PEPP u tal-benefiċjarji tal-PEPP, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikunu kapaċi jagħżlu allokkazzjoni tal-assi li tkun taqbel man-natura preċiża u mad-durata tal-obbligazzjonijiet tagħhom. Għalhekk, huma meħtieġa superviżjoni effiċjenti kif ukoll attitudni lejn regoli ta' investment li tagħti lill-fornituri tal-PEPP

biżżejjed flessibbiltà biex jiddeċiedu fuq il-politika l-aktar sikura u effiċjenti dwar l-investimenti, filwaqt li tobbligahom jaġixxu bi prudenza. Għalhekk, il-konformità mar-regola tal-persuna prudenti teħtieġ politika ta' investiment adattata għall-istruttura tal-klijenti tal-fornitur individwali tal-PEPP.

Emenda 34

Proposta għal regolament Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Jekk tiġi ffissata r-regola tal-persuna prudenti bħala l-prinċipju bażi għall-investiment kapitali u jekk isir possibbli li l-fornituri tal-PEPP joperaw bejn il-fruntieri, ir-ridirezzjonar tat-tfaddil fis-settur tal-provvista ta' rtirar personali hu mħeġġeġ, u b'hekk jikkontribwixxi għall-progress ekonomiku **u** soċjali.

Emenda 35

Proposta għal regolament Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Fil-kuntest tal-approfondiment tas-CMU, il-fehim ta' x'jikkostitwixxi strumenti bi profil ekonomiku fit-tul hu wiesa'. Tali strumenti huma titoli mhux trasferibbli u għaldaqstant ma għandhomx aċċess għal-likwidità ta' swieq sekondarji. Spiss, dawn jirrikjedu impenji b'terminu fiss li jirrestrinġu l-kummerċjabbiltà tagħhom u jenħtieġ li jinftiehm u li jinkludu strumenti ta' parteċipazzjoni u ta' dejn fi, u self ipprovdut lil, impriżi mhux elenkati. L-impriżi mhux elenkati jinkludu proġetti ta' infrastruttura, kumpaniji mhux elenkati li jfittxu li jiksbu t-tkabbir, proprjetà

biżżejjed flessibbiltà biex jiddeċiedu fuq il-politika l-aktar sikura u effiċjenti dwar l-investimenti, filwaqt li tobbligahom jaġixxu bi prudenza **u f'allinjament mal-*ħtiġijiet u l-preferenzi tal-faddal tal-PEPP***. Għalhekk, il-konformità mar-regola tal-persuna prudenti teħtieġ politika ta' investiment adattata għall-istruttura tal-klijenti tal-fornitur individwali tal-PEPP.

Emenda

(33) Jekk tiġi ffissata r-regola tal-persuna prudenti bħala l-prinċipju bażi għall-investiment kapitali u jekk isir possibbli li l-fornituri tal-PEPP joperaw bejn il-fruntieri, ir-ridirezzjonar tat-tfaddil fis-settur tal-provvista ta' rtirar personali hu mħeġġeġ, u b'hekk jikkontribwixxi għall-progress ekonomiku, soċjali **u ambjentali**.

Emenda

(35) Fil-kuntest tal-approfondiment tas-CMU, il-fehim ta' x'jikkostitwixxi strumenti bi profil ekonomiku fit-tul hu wiesa'. Tali strumenti huma titoli mhux trasferibbli u għaldaqstant ma għandhomx aċċess għal-likwidità ta' swieq sekondarji. Spiss, dawn jirrikjedu impenji b'terminu fiss li jirrestrinġu l-kummerċjabbiltà tagħhom u jenħtieġ li jinftiehm u li jinkludu strumenti ta' parteċipazzjoni u ta' dejn fi, u self ipprovdut lil, impriżi mhux elenkati. L-impriżi mhux elenkati jinkludu proġetti ta' infrastruttura, kumpaniji mhux elenkati li jfittxu li jiksbu t-tkabbir, proprjetà

immobbli jew assi oħra li jistgħu jkunu adattati għal skopijiet ta' investment fit-tul. Il-proġetti ta' infrastruttura b'livell baxx tal-karbonju u li huma reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ġeneralment huma assi mhux elenkati u jiddependu fuq krediti fit-tul għall-finanzjament ta' proġetti. Meta wieħed iqis in-natura fit-tul tal-obbligazzjonijiet tagħhom, il-fornituri tal-PEPP huma mħeġġa jallokaw parti suffiċjenti mill-portafoll tal-assi tagħhom għall-investimenti sostenibbli fl-ekonomija reali b'benefiċċji ekonomiċi fit-tul, b'mod partikulari għall-proġetti ta' infrastruttura u l-korporazzjonijiet.

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni

(36) Fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif hemm riferiment għalihom fil-Prinċipji li huma appoġġati min-Nazzjonijiet Uniti għall-Investment Responsabbli, huma importanti għas-sistemi ta' politika tal-investment u ta' mmaniġġjar tar-riskju tal-fornituri tal-PEPP. Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ***jitħeġġu*** jikkunsidraw fatturi bħal dawn fid-deċiżjonijiet ta' investiment u jieħdu f'kunsiderazzjoni kif huma jiffirmaw parti mis-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskju tagħhom.

immobbli jew assi oħra li jistgħu jkunu adattati għal skopijiet ta' investment fit-tul. Il-proġetti ta' infrastruttura b'livell baxx tal-karbonju u li huma reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ġeneralment huma assi mhux elenkati u jiddependu fuq krediti fit-tul għall-finanzjament ta' proġetti. Meta wieħed iqis in-natura fit-tul tal-obbligazzjonijiet tagħhom, il-fornituri tal-PEPP huma mħeġġa jallokaw parti suffiċjenti mill-portafoll tal-assi tagħhom għall-investimenti sostenibbli fl-ekonomija reali b'benefiċċji ekonomiċi, ***ambjentali u soċjali*** fit-tul, b'mod partikulari għall-proġetti ta' infrastruttura u l-korporazzjonijiet.

Emenda

(36) Fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, kif hemm riferiment għalihom fil-Prinċipji li huma appoġġati min-Nazzjonijiet Uniti għall-Investment Responsabbli huma importanti għas-sistemi ta' politika tal-investment u ta' mmaniġġjar tar-riskju tal-fornituri tal-PEPP. ***Għaldaqstant, il-fornitur tal-PEPP jenħtieġ li jieħu f'kunsiderazzjoni l-potenzjal tal-konsegwenzi ambjentali, soċjali u ta' governanza tal-investimenti kapitali. Din il-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tkun disponibbli wkoll kemm għall-EIOPA u l-awtoritajiet kompetenti kif ukoll għall-faddala tal-PEPP.*** Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP jikkunsidraw fatturi bħal dawn fid-deċiżjonijiet ta' investiment u jieħdu f'kunsiderazzjoni kif huma jiffirmaw parti mis-sistema ta' mmaniġġjar tar-riskju tagħhom.

Emenda 37

Proposta għal regolament Premessa 36a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36 a) Wieħed mill-objettivi ta' dan ir-regolament huwa li jidderieġi l-kapital lejn l-investimenti Ewropej fit-tul fl-ekonomija reali. Il-fornituri tal-PEPP jenħtieġ li jintegraw il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG) fid-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom.

Emenda 38

Proposta għal regolament Premessa 36b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36b) Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP jikkomunikaw regolarment mal-kljenti tagħhom biex jiżguraw li t-tħassib u l-preferenzi tagħhom, inkluż fir-rigward tal-fatturi ESG, ikunu integrati kif xieraq fid-deċiżjonijiet ta' investiment.

Emenda 39

Proposta għal regolament Premessa 36c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(36 c) Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP jadottaw politika ta' esklużjoni ta' investiment sabiex jiżguraw li t-tfaddil ma jkunx investit fi prodotti kontroversjali ħafna u ta' ħsara bħal pereżempju l-enerġija bbażata fuq il-faħam, l-armi nukleari, munizzjonijiet dispersivi, il-produzzjoni tat-tabakk, jew jintuża b'appoġġ għal kondotti li jagħmlu l-ħsara bħal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u tad-drittijiet tax-xogħol, ħsara severa

Emenda 40

Proposta għal regolament

Premessa 37

Test propost mill-Kummissjoni

(37) Fl-iżgurar tal-konformità mal-obbligu tagħhom li jiżviluppaw politika ta' investiment skont ir-regola tal-persuna prudenti, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ma jitħallewx jinvestu f'ġurisdizzjonijiet b'riskju għoli u li ma jikkooperawx li huma identifikati mit-Task Force tal-Azzjoni Finanzjarja.

Emenda

(37) Fl-iżgurar tal-konformità mal-obbligu tagħhom li jiżviluppaw politika ta' investiment skont ir-regola tal-persuna prudenti, jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ma jitħallewx ***jinvolvu ruħhom fi strateġiji ta' evitar tat-taxxa aggressivi u*** jinvestu f'ġurisdizzjonijiet b'riskju għoli u li ma jikkooperawx li huma identifikati mit-Task Force tal-Azzjoni Finanzjarja ***u r-regolament delegat tal-Kummissjoni li jidentifika pajjiżi terzi b'riskju għoli b'nuqqasijiet strateġiċi u l-ġurisdizzjonijiet fil-lista komuni tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet ta' pajjiżi terzi għal finijiet ta' taxxa.***

Emenda 41

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) Fid-dawl tal-objettiv tal-irtirar fit-tul tal-PEPP, jenħtieġ li l-għażliet ta' investiment ***mogħtija*** lill-faddala tal-PEPP ***jitqiegħdu f'qafas***, li ***jkopri*** l-elementi li jippermettu lill-investituri jieħdu deċiżjoni ta' investiment, inkluż in-numru ta' għażliet ta' investiment li jistgħu jagħżlu minnhom. Wara l-għażla inizjali li ssir mal-abbonament ta' PEPP, jenħtieġ li faddal tal-PEPP ikollu l-possibbiltà li jimmodifika din l-għażla b'intervalli raġonevoli (kull ħames snin), sabiex tiġi offruta biżżejjed stabbiltà għall-fornituri għall-istrateġija ta'

Emenda

(38) Fid-dawl tal-objettiv tal-irtirar fit-tul tal-PEPP, jenħtieġ li l-għażliet ta' investiment ***offruti*** lill-faddala tal-PEPP ***jkunu deskritti b'mod ċar, filwaqt li jkunu koperti*** l-elementi li jippermettu lill-investituri ***jallinjaw mal-preferenzi u l-ħtiġijiet fit-tul tal-klijenti tagħhom, u*** jieħdu deċiżjoni ta' investiment ***informata***, inkluż in-numru ta' għażliet ta' investiment li jistgħu jagħżlu minnhom. Wara l-għażla inizjali li ssir mal-abbonament ta' PEPP, jenħtieġ li faddal tal-PEPP ikollu l-possibbiltà li jimmodifika din l-għażla

investiment ta' terminu twil tagħhom filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata protezzjoni għall-investituri.

b'intervalli raġonevoli (kull ħames snin), sabiex tiġi offruta biżżejjed stabbiltà għall-fornituri għall-istrateġija ta' investiment ta' terminu twil tagħhom filwaqt li fl-istess ħin tiġi żgurata protezzjoni għall-investituri.

Emenda 42

Proposta għal regolament Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) L-għażla ta' investiment prestabbilita jenħtieġ li ***tippermetti lill-faddal*** tal-PEPP ***jirkupra l-kapital investit***. Barra minn hekk, il-fornituri tal-PEPP ***jistgħu jinkludi*** mekkaniżmu ta' indiċjar tal-inflazzjoni biex ***ikopru*** l-inflazzjoni ***tal-inqas b'mod parzjali***.

Emenda

(39) L-għażla ta' investiment prestabbilita, ***li tiġi offruta minn kull fornitur tal-PEPP***, jenħtieġ li ***tiżgura protezzjoni tal-kapital għall-faddal*** tal-PEPP ***permezz ta' garanzija kapitali***. Barra minn hekk, il-fornituri tal-PEPP ***jenħtieġ li jinkludu*** mekkaniżmu ta' indiċjar tal-inflazzjoni biex l-inflazzjoni ***tiġi koperta bl-aqwa mod possibbli***.

Emenda 43

Proposta għal regolament Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-klijenti tal-PEPP li jiftħu kawża fil-qrati, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) faċilment aċċessibbli, adegwati, indipendenti, imparzjali, trasparenti u effettivi bejn il-fornituri jew id-distributuri tal-PEPP u l-klijenti tal-PEPP għas-soluzzjoni ta' tilwimiet li jirriżultaw mid-drittijiet u mill-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda

(45) Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-klijenti tal-PEPP li jiftħu kawża fil-qrati, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim (ADR) faċilment aċċessibbli, adegwati, indipendenti, imparzjali, trasparenti u effettivi bejn il-fornituri jew id-distributuri tal-PEPP u l-klijenti tal-PEPP ***u, fejn ikun rilevanti, il-benefiċjarji***, għas-soluzzjoni ta' tilwimiet li jirriżultaw mid-drittijiet u mill-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Bl-għan li tiġi stabbilita proċedura effiċjenti u effettiva ta' soluzzjoni għat-tilwim, jenħtieġ li l-fornituri u d-distributuri tal-PEPP jistabbilixxu proċedura effettiva ta' lmentar li jistgħu jsegwu l-klijenti tagħhom qabel ma t-tilwima tiġi riferita biex tiġi solvuta fi proċedura tal-ADR jew quddiem qorti. Il-proċedura tal-ilmenti jenħtieġ li tinkludi perjodi ta' żmien qosra u definiti b'mod ċar li fihom il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP jenħtieġ li jwieġeb għal ilment. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom kapaċità suffiċjenti biex jinvolvu rwieħhom b'mod adegwat u effiċjenti fil-kooperazzjoni transfruntiera fir-rigward ta' tilwim dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw skont dan ir-Regolament.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Biex isibu kundizzjonijiet aħjar għall-investimenti tagħhom, u b'hekk jistimolaw ukoll il-kompetizzjoni fost il-fornituri tal-PEPP, jenħtieġ li l-faddala tal-PEPP ikollhom id-dritt li jbiddu l-fornituri matul il-fażijiet tal-akkumulazzjoni u tad-dekumulazzjoni, permezz ta' proċedura ċara, veloċi **u** sikura.

Emenda 46

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Biex isibu kundizzjonijiet aħjar

Emenda

(46) Bl-għan li tiġi stabbilita proċedura effiċjenti u effettiva ta' soluzzjoni għat-tilwim, jenħtieġ li l-fornituri u d-distributuri tal-PEPP jistabbilixxu proċedura effettiva ta' lmentar li jistgħu jsegwu l-klijenti tagħhom **u l-benefiċjari tal-PEPP** qabel ma t-tilwima tiġi riferita biex tiġi solvuta fi proċedura tal-ADR jew quddiem qorti. Il-proċedura tal-ilmenti jenħtieġ li tinkludi perjodi ta' żmien qosra u definiti b'mod ċar li fihom il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP jenħtieġ li jwieġeb għal ilment. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom kapaċità suffiċjenti biex jinvolvu rwieħhom b'mod adegwat u effiċjenti fil-kooperazzjoni transfruntiera fir-rigward ta' tilwim dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw skont dan ir-Regolament.

Emenda

(47) Biex isibu kundizzjonijiet aħjar għall-investimenti tagħhom, u b'hekk jistimolaw ukoll il-kompetizzjoni fost il-fornituri tal-PEPP, jenħtieġ li l-faddala tal-PEPP ikollhom id-dritt li jbiddu l-fornituri matul il-fażijiet tal-akkumulazzjoni u tad-dekumulazzjoni, permezz ta' proċedura ċara, veloċi, sikura **u trasparenti**.

Emenda

(47) Biex isibu kundizzjonijiet aħjar

għall-investimenti tagħhom, u b'hekk jistimolaw ukoll il-kompetizzjoni fost il-fornituri tal-PEPP, jenħtieġ li l-faddala tal-PEPP ikollhom id-dritt li jbiddu l-fornituri matul il-fażijiet tal-akkumulazzjoni u tad-dekumulazzjoni, permezz ta' proċedura ċara, veloċi u sikura.

għall-investimenti tagħhom, u b'hekk jistimolaw ukoll il-kompetizzjoni fost il-fornituri tal-PEPP, jenħtieġ li l-faddala tal-PEPP ikollhom id-dritt li jbiddu l-fornituri matul il-fażijiet tal-akkumulazzjoni u tad-dekumulazzjoni, permezz ta' proċedura ċara, veloċi, **li ma tantx tiswa' flus** u sikura.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) Jenħtieġ li l-proċess tal-bdil ikun sempliċi għall-faddal tal-PEPP. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornitur tal-PEPP ikun responsabbli għat-tnedija u għall-ġestjoni tal-proċess f'isem il-faddal tal-PEPP. Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikunu jistgħu jużaw mezzi addizzjonali, bħal soluzzjoni teknika, fuq bażi volontarja meta jistabbilixxu s-servizz tal-bdil.

Emenda

(48) Jenħtieġ li l-proċess tal-bdil ikun sempliċi għall-faddal tal-PEPP. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornitur tal-PEPP ikun responsabbli għat-tnedija u għall-ġestjoni tal-proċess f'isem il-faddal tal-PEPP. Jenħtieġ li l-fornituri tal-PEPP ikunu jistgħu jużaw mezzi addizzjonali, bħal soluzzjoni teknika, fuq bażi volontarja meta jistabbilixxu s-servizz tal-bdil. ***Il-bdil għandu jiġi pprovdut mingħajr ħlas f'każijiet ta' portabilità limitata, ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni u fuq talba tal-faddal tal-PEPP.***

Emenda 48

Proposta għal regolament

Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

(55) Jenħtieġ li tkun iggarantita trasparenza sħiħa dwar il-kostijiet u t-tariffi relatati mal-investment f'PEPP. Jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn il-fornituri, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur. ***Ikun*** hemm informazzjoni komparattiva disponibbli bejn prodotti differenti, u b'hekk jiġi inċentivat l-ipprezzar kompetittiv.

Emenda

(55) Jenħtieġ li tkun iggarantita trasparenza sħiħa dwar il-kostijiet u t-tariffi relatati mal-investment f'PEPP. Jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ekwi bejn il-fornituri, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-konsumatur. ***Għandu jkun*** hemm informazzjoni komparattiva disponibbli bejn prodotti differenti, biex b'hekk jiġi inċentivat l-ipprezzar

kompetittiv.

Emenda 49

Proposta għal regolament Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

(56) Għad li s-superviżjoni kontinwa tal-fornituri tal-PEPP għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi, jenħtieġ li l-EIOPA tikkoordina s-superviżjoni fir-rigward tal-PEPPs, biex tiggarantixxi l-applikazzjoni ta' metodoloġija superviżorja unifikata, li tikkontribwixxi b'dan il-mod għan-natura pan-Ewropea tal-prodott tal-pensjoni.

Emenda

(56) Għad li s-superviżjoni kontinwa tal-fornituri tal-PEPP għandha tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi, jenħtieġ li l-EIOPA tikkoordina s-superviżjoni fir-rigward tal-PEPPs, biex tiggarantixxi l-applikazzjoni ***konsistenti*** ta' metodoloġija superviżorja unifikata, li tikkontribwixxi b'dan il-mod għan-natura pan-Ewropea tal-prodott tal-pensjoni.

Emenda 50

Proposta għal regolament Premessa 67a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(67 a) FI-UE, 14,6 % tal-persuni fl-età ta' 65 sena jew aktar jinsabu f'riskju ta' faqar. Peress li d-dħul kapitali għandu t-tendenza li jkun ikkonċentrat fl-ogħla kategoriji ta' dħul, l-inċentivi tat-taxxa għal pensjonijiet privati jistgħu jirriżultaw f'rati tat-taxxa effettivi li jkunu negattivi, u rigressivi. Dan id-dħul tat-taxxa mitluf jintefaq aħjar jekk jintuża biex itejjeb is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-ewwel pilastru. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu limitu massimu u jiddirezzjonaw l-inċentivi tat-taxxa lejn prodotti tal-pensjoni privata inkluż PEPPs għal gruppi speċifiċi b'aċċess limitat għal proviżjonamenti tal-pensjonijiet komplementarji oħrajn, bħall-gruppi bi dħul baxx, dawk li jaħdmu għal rashom u l-persuni b'interruzzjonijiet twal fil-perjodi tagħhom ta' kontribuzzjoni.

Emenda 51

Proposta għal regolament Premessa 68a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(68 a) Il-PEPP huwa strument ġdid u komplementari għall-iskemi tal-pensjoni għaċ-ċittadini kollha tal-Unjoni. Fis-sistemi nazzjonali tat-taxxa, il-PEPP jenħtieġ li jibbenefika mill-aktar trattament favorevoli fir-rigward tat-taxxa li japplika għall-prodotti nazzjonali ta' tfaddil għall-pensjonijiet.

Emenda 52

Proposta għal regolament Premessa 69

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(69) Wara t-tnedija tal-PEPP, l-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu f'kunsiderazzjoni r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/... u jestendu l-benefiċċji tal-benefiċċji fuq it-taxxa li jagħtu lill-PPPs nazzjonali għall-PEPP ukoll.

(69) Wara t-tnedija tal-PEPP, l-Istati Membri huma mħeġġa ***bil-qawwa*** jieħdu f'kunsiderazzjoni r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/... u jestendu l-benefiċċji tal-benefiċċji fuq it-taxxa li jagħtu lill-PPPs nazzjonali għall-PEPP ukoll.

Emenda 53

Proposta għal regolament Premessa 69a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(69a) L-Istati Membri huma mħeġġa jipprovdu qafas tal-PEPP xieraq.

Emenda 54

Proposta għal regolament

Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni

(70) Trid titwettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, fost l-oħrajn, billi jiġu vvalutati l-iżviluppi tas-suq, bħat-tfaċċar ta' tipi ġodda ta' PEPPs, kif ukoll l-iżviluppi f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni u l-esperjenzi tal-Istati Membri.

Emenda

(70) Trid titwettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament, fost l-oħrajn, billi jiġu vvalutati l-iżviluppi tas-suq, bħat-tfaċċar ta' tipi ġodda ta' PEPPs, kif ukoll l-iżviluppi f'oqsma oħra tad-dritt tal-Unjoni u l-esperjenzi tal-Istati Membri. ***Tali evalwazzjoni jenħtieġ li tieħu f'kunsiderazzjoni l-għanijiet u l-finijiet differenti tal-istabbiliment ta' suq tal-PEPP li jiffunzjonaw tajjeb, u b'mod partikolari jenħtieġ li tevalwa jekk dan ir-Regolament ikkontribwixxiex għall-iżvilupp ta' sistemi tal-pensjoni fuq diversi pilastru fl-Istati Membri u jekk wassalx sabiex aktar ċittadini Ewropej ifaddlu għal pensjonijiet adegwati u sostenibbli.***

Emenda 55

Proposta għal regolament Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni

(71) Dan ir-Regolament ***jirrispetta d-drittijiet*** fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti ***b'mod partikolari*** mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ***d-dritt*** għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-proprjetà, il-libertà ta' intrapriża, il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-prinċipju ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda

(71) Dan ir-Regolament ***jenħtieġ li jiżgura r-rispett tad-drittijiet*** fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari ***d-drittijiet tal-anzjani li jkollhom ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali, id-dritt*** għall-protezzjoni tad-data personali, id-dritt għall-proprjetà, il-libertà ta' intrapriża, il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn is-sessi u l-prinċipju ta' livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **hu** bbażat fuq kuntratt bejn faddal individwali u entità fuq bażi volontarja;

Emenda

(a) **ikun** bbażat fuq kuntratt bejn faddal individwali u entità fuq bażi volontarja **u komplementarja**;

Emenda 57

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

Test propost mill-Kummissjoni

(2) "Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP)" tfisser prodott tal-pensjoni personali tat-tfaddil ta' terminu twil, li hu pprovdut skont skema miftiehma tal-PEPP minn impriża finanzjarja regolata awtorizzata skont id-dritt tal-Unjoni għall-immaniġġjar ta' investimenti jew ta' tfaddil kollettivi jew individwali, u li fiha jabbona b'mod volontarju faddal individwali tal-PEPP għall-irtirar, b'tifdija strettament limitata jew mingħajrha;

Emenda

(2) "Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP)" tfisser prodott tal-pensjoni personali tat-tfaddil, **sostenibbli u soċjalment reponsabbli** ta' terminu twil, li hu pprovdut skont skema miftiehma tal-PEPP minn impriża finanzjarja regolata awtorizzata skont id-dritt tal-Unjoni għall-immaniġġjar ta' investimenti jew ta' tfaddil kollettivi jew individwali, u li fiha jabbona b'mod volontarju faddal individwali tal-PEPP **jew minn assoċjazzjoni indipendenti tal-faddala tal-PEPP f'isem il-membri tagħha** għall-irtirar, b'tifdija strettament limitata jew mingħajrha;

Emenda 58

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a**

Test propost mill-Kummissjoni

(a) **klijent mhux professjonali** kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹;

Emenda

(a) **klijent mhux professjonali** kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹, **jiġifieri klijent li ma jkunx klijent professjonali**;

⁴¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-

⁴¹ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-

Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) assoċjazzjoni indipendenti li tissottoskrivi prodotti tal-PEPP għall-membri tagħha;

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12 a) "somma f'daqqa" tfisser il-ħlas sħiħ tal-kapital akkumulat fi tmiem il-fażi tal-akkumulazzjoni;

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19 a) "Stat Membru tad-domiċilju tad-distributur tal-PEPP" tfisser l-Istat Membru fejn id-distributur tal-PEPP għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu;

Ġustifikazzjoni

Importanti li tiġi pprovduta ċ-ċertezza tad-dritt dwar liema awtorità nazzjonali kompetenti se tkun responsabbli mis-superviżjoni kontinwa tal-fornituri u d-distributuri tal-PEPP f'sitwazzjonijiet transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar id-distribuzzjoni u r-rekwiżiti ta' informazzjoni.

Emenda 62

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 19b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19 b) "Stat Membru ospitanti tad-distributur tal-PEPP" tfisser Stat Membru, li mhuwiex l-Istat Membru tad-domiċilju, fejn distributur tal-PEPP jiddistribwixxi l-PEPPs;

Ġustifikazzjoni

Importanti li tiġi pprovduta ċ-ċertezza tad-dritt dwar liema awtorità nazzjonali kompetenti se tkun responsabbli mis-superviżjoni kontinwa tal-fornituri u d-distributuri tal-PEPP f'sitwazzjonijiet transfruntiera, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar id-distribuzzjoni u r-rekwiżiti ta' informazzjoni.

Emenda 63

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21) "**kapital**" tfisser kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-kapital impenjat mhux imħallas, ikkalkolati abbażi tal-ammonti investibbli **wara li** jitnaqqsu d-drittijiet, l-imposti u l-ispejjeż kollha mġarrba b'mod dirett jew indirett tal-investituri;

(21) "**kapital**" tfisser kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-kapital impenjat mhux imħallas, ikkalkolati abbażi tal-ammonti investibbli **qabel ma** jitnaqqsu d-drittijiet, l-imposti u l-ispejjeż kollha mġarrba b'mod dirett jew indirett mill-investituri;

Emenda 64

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 24

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(24) "opzjoni ta' investiment prestabbilita" tfisser strateġija ta' investiment applikata meta l-faddal tal-PEPP ma jkunx ipprovduta struzzjonijiet

(24) "opzjoni ta' investiment prestabbilita" tfisser strateġija ta' investiment **fejn il-faddal tal-PEPP jirkupra tal-anqas il-kapital li jkun**

dwar kif għandhom jiġu investiti l-fondi li jakkumulaw fil-kont tal-PEPP tiegħu;

investa u li tingħażel jew mill-faddal tal-PEPP jew tkun applikata meta l-faddal tal-PEPP ma jkunx ipprovdha struzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu investiti l-fondi li jakkumulaw fil-kont tal-PEPP tiegħu;

Emenda 65

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28 a) "Il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG)" jinkludu l-oġġettivi klimatiċi u ta' sostenibilità tal-Unjoni kif stipulati fil-ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, il-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem u d-definizzjonijiet tal-Prinċipji għall-Investment Responsabbli fejn il-fatturi ambjentali jinkludu t-tibdil fil-klima, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, it-tnaqqis tar-riżorsi (inklużi l-ilma mormi u t-tniġġis) u d-deforestazzjoni; il-fatturi soċjali jinkludu d-Drittijiet tal-Bniedem, il-kundizzjonijiet tax-xogħol (inklużi l-iskjavitù u t-tħaddim tat-tfal), il-komunitajiet lokali (inklużi l-komunitajiet indiġeni), il-kunflitti, is-saħħa u s-sikurezza, ir-relazzjonijiet bejn l-impjegati u d-diversità; il-fatturi ta' governanza jinkludu l-ħlas, it-tixħim u l-korruzzjoni ta' persunal eżekuttiv, id-donazzjonijiet u l-lobbjar ta' natura politika, l-istruttura u d-diversità tal-bord u l-istrateġija tat-taxxa.

Emenda 66

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28b) "Riskji bijometriċi" tfisser riskji marbuta ma' lonġevità, diżabilità, kura fit-tul u mewt.

Emenda 67

**Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(28c) "sħubija ta' kompartment" tfisser kooperazzjoni bejn fornituri tal-PEPP sabiex joffru kompartmenti fi Stati Membri differenti fid-dawl tas-servizz tal-portabilità msemmi fl-Artikolu 12. Ir-responsabilità f'dawn is-sħubijiet tibqa', fil-każijiet kollha, tal-fornitur primarju.

Emenda 68

**Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. PEPP jista' jiġi **mmanifatturat** u ddistribwit biss fl-Unjoni fejn ġie awtorizzat **mill-EIOPA f'konformità ma' dan ir-Regolament.**

1. PEPP jista' jiġi **ġġenerat** u ddistribwit biss fl-Unjoni fejn ġie awtorizzat **u ingħata l-approvazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni mill-awtorità superviżorja kompetenti, l-EIOPA.**

Emenda 69

**Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) informazzjoni dwar l-arranġamenti dwar il-portafoll kif ukoll l-immaniġġjar u

(d) informazzjoni dwar l-arranġamenti dwar il-portafoll kif ukoll l-immaniġġjar u

l-amministrazzjoni tar-riskju fir-rigward tal-PEPP;

l-amministrazzjoni tar-riskju fir-rigward tal-PEPP, **inklużi r-rwol tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fil-proċess ta' investiment kif ukoll l-impatt fit-tul tad-deċiżjonijiet ta' investiment;**

Ġustifikazzjoni

Peress li l-fatturi ESG mistennija jkollhom impatt fuq id-deċiżjonijiet ta' investiment fit-tul b'hal dawk li jikkonċernaw PEPP, jidher xieraq li jiġi żvelat il-mod kif inhuma meqjusa fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-fornitur u li jiġu kkunsidrati b'hal parti mill-informazzjoni meħtieġa biex issir l-applikazzjoni għall-ksib ta' awtorizzazzjoni biex jiġi pprovdut dan il-prodott.

Emenda 70

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) informazzjoni dwar l-istrategġija ta' investiment, il-profil tar-riskju u karatteristiċi oħra tal-PEPP;

Emenda

(e) informazzjoni dwar l-istrategġija ta' investiment, il-profil tar-riskju u karatteristiċi oħra tal-PEPP, **inkluż l-integrazzjoni tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza u b'mod partikolari kif l-istrategġija ta' investiment hija allinjata mal-oġettivi klimatiċi u ta' sostenibilità kif stipulat fil-ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negożju u d-Drittijiet tal-Bniedem;**

Emenda 71

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) **informazzjoni dwar il-politika ta' esklużjoni ta' investiment b'rabta ma' ħsara ambjentali gravi, ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema u l-produzzjoni tal-armi;**

Emenda 72

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) informazzjoni dwar kwalunkwe sħubija bejn il-fornituri tal-PEPP biex joffru kompartimenti fi Stati Membri differenti;

Emenda 73

Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(h) deskrizzjoni tal-informazzjoni li tkun disponibbli għall-faddala tal-PEPP, li tinkludi deskrizzjoni tal-arranġamenti biex jiġu ttrattati l-ilmenti mressqa mill-faddala tal-PEPP;

(h) deskrizzjoni tal-informazzjoni li tkun disponibbli għall-faddala tal-PEPP **u l-benefiċjarji relatati**, li tinkludi deskrizzjoni tal-arranġamenti biex jiġu ttrattati l-ilmenti mressqa mill-faddala tal-PEPP **u l-benefiċjarji relatati**;

Emenda 74

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-applikant ikun adotta u ppubblika politika ta' esklużjoni ta' investiment kredibbli relatata ma' ħsara ambjentali gravi, ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem inklużi d-drittijiet tal-ħaddiema, u l-produzzjoni tal-armi;

Emenda 75

Proposta għal regolament Artikolu 6 - paragrafu 1 - punt da (ġdid)

(d a) il-PEPP propost effettivament jintegra l-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza fl-istrateġija ta' investiment u l-immaniġġjar tar-riskju tiegħu u jiżgura li l-immaniġġjar tal-portafoll tiegħu jkun allinjat mal-objettivi klimatiċi u ta' sostenibilità tal-Unjoni kif stipulat fil-ftehim ta' Pariġi, l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli, u l-Prinċipji Gwida tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem;

Emenda 76

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Qabel ma tiegħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, l-EIOPA għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-applikant.

Emenda

2. Qabel ma tiegħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, l-EIOPA għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti tal-applikant **billi ttiprovdiha kopja tal-applikazzjoni u l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa għall-konsultazzjoni biex jiġi vverifikat jekk hemmx xi oġġezzjoni biex tintlaqa' l-applikazzjoni.**

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-EIOPA għandha tirtira l-awtorizzazzjoni ta' PEPP f'każ li ma jibqgħux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.

Emenda

4. L-EIOPA għandha tirtira l-awtorizzazzjoni ta' PEPP f'każ li ma jibqgħux issodisfati l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni. **L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jitolbu lill-EIOPA tikkunsidra l-irtirar ta' awtorizzazzjoni tal-PEPP billi jipprovdu**

kwalunkwe informazzjoni rilevanti li timmotiva din it-talba. F'każ ta' rtirar tal-awtorizzazzjoni, il-faddala tal-PEPP jiġu informati b'mod ċar u għandhom id-dritt li jibdlu l-fornitur tal-PEPP mingħajr ħlas irrispettivament mill-frekwenza tal-bdil stipulata fl-Artikolu 45.

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4 a. Meta tiġi rtirata awtorizzazzjoni ta' PEPP, l-EIOPA għandha tikkoordina l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġu ssalvagwardati l-faddala tal-PEPP li jkollhom kuntratt mal-fornitur tal-PEPP li l-awtorizzazzjoni tiegħu tkun ġiet irtirata.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-EIOPA għandha żżomm reġistru pubbliku ċentrali li jidentifika kull PEPP **awtorizzata** skont dan ir-Regolament, il-fornitur ta' dan il-PEPP **u** l-awtorità kompetenti tal-fornitur tal-PEPP. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament f'format elettroniku.

L-EIOPA għandha żżomm reġistru pubbliku ċentrali li jidentifika kull PEPP **awtorizzata** skont dan ir-Regolament, il-fornitur ta' dan il-PEPP, l-awtorità kompetenti tal-fornitur tal-PEPP, **id-data ta' awtorizzazzjoni tal-PEPP u l-għadd ta' kompartimenti nazzjonali disponibbli**. Ir-reġistru għandu jkun disponibbli pubblikament f'format elettroniku **u għandu jiġi aġġornat minnufih jekk ikun hemm xi bidliet**.

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Is-servizz tal-portabilità jippermetti lill-faddala tal-PEPP ikomplu jikkontribwixxu għall-PEPP li diġà jkunu kkuntrattaw mal-fornitur tiegħu, filwaqt li jbiddu d-domiċilju tagħhom billi jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor.

Emenda

1. Is-servizz tal-portabilità jippermetti lill-faddala tal-PEPP ikomplu jikkontribwixxu għall-PEPP li diġà jkunu kkuntrattaw mal-fornitur tiegħu, filwaqt li jbiddu d-domiċilju tagħhom billi jmorru jgħixu fi Stat Membru ieħor. ***Il-Kummissjoni għandha teżamina t-tneħħija tat-tariffa f'każ li dak li jkun ibiddel il-fornitur bħala inċentiv. Fi kwalunkwe każ, l-ispejjeż għandhom ikunu raġonevoli u kkomunikati dejjem meta jsir il-kuntratt.***

Emenda 81

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. F'każ li jużaw is-servizz tal-portabilità, il-faddala tal-PEPP huma ***intitolati*** jżommu l-vantaġġi u l-inċentivi kollha mogħtija mill-fornitur tal-PEPP u marbuta mal-investment kontinwu fl-istess PEPP.

Emenda

2. F'każ li jużaw is-servizz tal-portabilità, il-faddala tal-PEPP huma ***intitolati*** jżommu l-vantaġġi u l-inċentivi kollha mogħtija mill-fornitur tal-PEPP u marbuta mal-investment kontinwu fl-istess PEPP. ***Il-kostijiet tal-użu tas-servizz tal-portabilità għandhom ikunu raġonevoli.***

Emenda 82

**Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

F'sitwazzjonijiet fejn faddal tal-PEPP ibiddel id-domiċilju billi jmur joqgħod fi Stat Membru ieħor u ma jkun offrut ebda kompartment mill-fornitur tal-PEPP f'dak l-Istat Membru, il-faddal tal-PEPP għandu jiġi offrut il-possibbiltà li jaqleb għal fornitur ieħor mingħajr ħlas.

Emenda

Emenda 83

Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Min jirċievi PEPP għandu jiżgura li l-benefiċjarji jistgħu jirċievu l-ħlasijiet tal-PEPP, irrISPETTIVAMENT mill-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

Emenda 84

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Meta jipproponi PEPP, il-fornitur tal-PEPP jew id-distributtur tal-PEPP għandu **jipprovi** lill-faddala potenzjali tal-PEPP informazzjoni dwar liema kompartimenti nazzjonali huma disponibbli minnufih.

2. Meta jipproponi PEPP, il-fornitur tal-PEPP jew id-distributtur tal-PEPP għandu **jipprovdi** lill-faddala potenzjali tal-PEPP informazzjoni dwar liema kompartimenti nazzjonali huma disponibbli minnufih, **jew mill-fornitur tal-PEPP jew minn sieħeb irregiſtrat.**

Emenda 85

Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. **Sa mhux iktar tard minn tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, kull PEPP għandu joffri kompartimenti nazzjonali għall-Istati Membri kollha fuq talba indirizzata lill-fornitur tal-PEPP.**

3. **Il-faddal tal-PEPP u l-fornitur tal-PEPP għandhom jelenkaw il-kompartimenti disponibbli fil-kuntratt tagħhom. Il-fornitur tal-PEPP għandu joffri tal-anqas il-kompartimenti elenkati fil-kuntratt. Faddal tal-PEPP li jkun irid jibdel id-domiċilju billi jmur joqgħod fi Stat Membru ieħor jista' jeżerċita fi kwalunkwe każ id-dritt tiegħu tal-mobilità billi jibdel il-fornitur tal-PEPP meta l-kompartiment nazzjonali li l-faddal ikun irid jiftaħ ma jkunx sar disponibbli la**

mill-fornitur tal-PEPP u lanqas minn sieħeb irregġistrat. M'għandu jkun hemm l-ebda tariffa u imposta applikati f'dawn il-każijiet għall-konsumaturi kollha.

Emenda 86

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr ħsara għall-iskadenza skont l-Artikolu 13(3), il-fornituri tal-PEPP għandhom jiżguraw li fi ħdan kull kont tal-PEPP individwali jkun jista' jinfetaħ kompartiment ġdid, li jikkorrispondi għar-rekwiżiti legali u għall-kundizzjonijiet għall-użu tal-inċentivi stabbiliti flivell nazzjonali għall-PEPP mill-Istat Membru li fih imur jgħix il-faddal tal-PEPP.

Emenda

Il-fornituri tal-PEPP għandhom jiżguraw li fi ħdan kull kont tal-PEPP individwali jkun jista' jinfetaħ kompartiment ġdid, ***permezz ta' trasferiment jew żieda***, li jikkorrispondi għar-rekwiżiti legali u għall-kundizzjonijiet għall-użu tal-inċentivi stabbiliti flivell nazzjonali għall-PEPP ***tal-Istat Membru fejn għandu jinfetaħ il-kompartiment.***

Emenda 87

Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fornituri tal-PEPP jistgħu jidħlu fi sħubija ta' kompartiment ma' fornituri tal-PEPP oħra bil-għan li jiffaċilitaw il-ftuħ ta' kompartimenti fl-Istati Membri kollha.

Emenda

Emenda 88

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Mingħajr ħsara għall-iskadenza skont l-Artikolu 13(3), eżatt wara li jiġi informat dwar l-intenzjoni tal-faddal tal-PEPP li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' mobilità***

Emenda

1. Eżatt wara li jiġi informat dwar l-intenzjoni tal-faddal tal-PEPP li jeżerċita d-dritt tiegħu ta' mobilità bejn l-Istati Membri, il-fornitur tal-PEPP għandu

bejn l-Istati Membri, il-fornitur tal-PEPP għandu jinforma lill-faddal tal-PEPP dwar **il-possibbiltà** li jiftaħ kompartiment ġdid fi ħdan il-kont individwali tal-faddal tal-PEPP u dwar l-iskadenza li sa din ikun jista' jinfetaħ tali kompartiment.

jinforma lill-faddal tal-PEPP dwar il-possibbiltà li jiftaħ kompartiment ġdid fi ħdan il-kont individwali tal-faddal tal-PEPP u dwar l-iskadenza li sa din ikun jista' jinfetaħ tali kompartiment.

Emenda 89

Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) ***kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar modifiki possibbli fl-istrateġija ta' investiment adottata jew elementi oħra.***

imħassar

Emenda 90

Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fuq it-talba tal-faddal tal-PEPP, il-fornitur tal-PEPP għandu jipproponi lill-faddal tal-PEPP biex ***jirranġa*** għat-trasferiment ta' assi akkumulati bejn kompartimenti differenti tal-kont tal-PEPP individwali, sabiex l-assi kollha jkunu jistgħu jiġu kkonsolidati f'kompartiment wieħed.

1. Fuq it-talba tal-faddal tal-PEPP, il-fornitur tal-PEPP għandu jipproponi lill-faddal tal-PEPP biex ***jagħmel arranġamenti*** għat-trasferiment ta' assi akkumulati bejn kompartimenti differenti tal-kont tal-PEPP individwali, sabiex l-assi kollha jkunu jistgħu jiġu kkonsolidati f'kompartiment wieħed. ***L-ispejjeż assoċjati ma' dan it-trasferiment iridu jkunu ġew stipulati meta ġie konkluż il-kuntratt.***

Emenda 91

Proposta għal regolament Artikolu 17 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għoti ta' informazzjoni dwar il-portabilità

Għoti ta' informazzjoni dwar il-portabilità

Emenda 92

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-arranġamenti kuntrattwali kollha għall-forniment tas-servizz ta' portabilità għandhom jiġu notifikati mill-fornitur tal-PEPP *lill-awtorità nazzjonali rispettiva li teżerċita superviżjoni prudenzjali fuqu.*

Emenda

1. L-arranġamenti kuntrattwali kollha għall-forniment tas-servizz ta' portabilità għandhom jiġu notifikati mill-fornitur tal-PEPP *lill-EIOPA.*

Emenda 93

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku f'bażi tad-data ċentrali miżmuma *mal-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali* fi żmien xahar mill-ftuħ tal-kompartiment il-ġdid *u* tal-inqas għandu jkun fiha:

Emenda

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata b'mod elettroniku f'bażi tad-data ċentrali miżmuma *mal-EIOPA* fi żmien xahar mill-ftuħ tal-kompartiment il-ġdid. *L-EIOPA għandha tagħmel il-bażi tad-data aċċessibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li awtomatikament għandhom jiġu notifikati u jirċievu informazzjoni dwar il-kompartimenti lokali fil-każ ta' kwalunkwe bidla. Il-bażi tad-data* tal-inqas għandu jkun fiha:

Emenda 94

Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) l-identifikazzjoni tas-sieħeb irregiŝtrat, jekk ikun hemm;

Emenda 95

Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu pprovduti lill-klijenti tal-PEPP b'mod elettroniku, dment li l-klijent tal-PEPP ikun jista' jaħżen tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għal referenza fil-futur u għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li l-għodda tippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna. Fuq talba, il-fornituri u d-distributuri tal-PEPP għandhom jipprovdu dawk id-dokumenti u l-informazzjoni b'xejn fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil ukoll.

Emenda

Id-dokumenti u l-informazzjoni kollha msemmija f'dan il-Kapitolu għandhom jiġu pprovduti lill-klijenti tal-PEPP b'mod elettroniku, dment li l-klijent tal-PEPP ikun jista' jaħżen tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għal referenza fil-futur u għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li l-għodda tippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna. Fuq talba, il-fornituri u d-distributuri tal-PEPP għandhom jipprovdu dawk id-dokumenti u l-informazzjoni b'xejn fuq mezz ieħor li jservi għal żmien twil ukoll, ***inkluż f'forma stampata, u f'format aċċessibbli għall-faddala tal-PEPP b'diżabilità kif ukoll verżjoni faċli biex tinqara għall-faddala tal-PEPP li f'tit li xejn huma familjari mal-qasam finanzjarju.***

Emenda 96

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Qabel ma PEPP jiġi propost lill-faddala tal-PEPP, il-fornitur tal-PEPP għandu jfassal dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP għal dak il-prodott f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu u għandu jippubblika d-dokument fuq is-sit web tiegħu.

Emenda

1. Qabel ma PEPP jiġi propost lill-faddala tal-PEPP, il-fornitur tal-PEPP għandu jfassal dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP għal dak il-prodott ***li jkun fih l-informazzjoni prekontrattwali*** f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu u għandu jippubblika d-dokument fuq is-sit web tiegħu.

Emenda 97

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom **jikkonformaw mal-Artikoli 5(2), u 6 sa 18 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014.**

Emenda

2. Il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom **japplikaw ir-rekwiżiti mniżżla fl-Artikoli 5(2), u 6 sa 18 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 meta jfasslu d-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP.**

Emenda 98

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 u bil-għan li jiġu kkomplementati d-dispożizzjonijiet l-oħra msemmija hawn fuq, id-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP għandu:

(a) **Jitfassal b'mod li jinftiehem mill-klijent u għandu jippermetti tqabbil ġust tal-prodotti. Barra minn hekk, il-karatteristiċi tal-prodott ta' prodott tal-pensjoni għandhom ikunu ċari;**

(b) **Jiġi ppreżentat u strutturat b'mod li jkun ċar u faċli biex jinqara, bl-użu ta' tipa ta' daqs li tinqara;**

(c) **Jinqara bl-istess mod fil-każ li minħabba li jkun oriġinarjament ġie prodott bil-kulur, jiġi stampat jew fotokopjat bl-abjad u l-iswed;**

(d) **Jinkiteb fil-lingwi uffiċjali, jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali, użati fil-parti tal-Istat Membru fejn il-PEPP huwa offrut jew, jekk ikun hemm qbil mill-faddal tal-PEPP u d-distributur tal-PEPP, f'lingwa oħra;**

- (e) *Ikun mingħajr ħlas;*
- (f) *ma jkunx qarrieqi jew mhux preċiż;*

Emenda 99

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni

- (iii) l-età tal-irtirar;

Emenda

- (iii) ***Informazzjoni dwar (a) l-età tal-irtirar kif proposta mill-iskema tal-PEPP u (b) l-età tal-irtirar standard tal-Istat Membru li l-liġi tiegħu tkun applikabbli;***

Emenda 100

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni

- (iv) informazzjoni ġenerali dwar is-servizz tal-portabilità, inkluża informazzjoni dwar il-kompartimenti;

Emenda

- (iv) informazzjoni ġenerali dwar is-servizz tal-portabilità, inkluża informazzjoni dwar il-kompartimenti, ***is-sħab irreġistrati - jekk ikun hemm, u l-iżborżi fi Stati Membri oħra;***

Emenda 101

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 4a. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014 (ir-Regolament dwar il-PRIIPS), id-dokument bit-tagħrif ewlieni tal-PEPP għandu jiġi ppreżentat fis-sekwenza stabbilita fil-paragrafi li ġejjin:***

- (a) *L-intestatura "Dokument bit-Tagħrif Ewlieni dwar il-PEPP" fil-parti ta' fuq tal-ewwel paġna trid tiġi segwita immedjatament bl-informazzjoni li ġejja:*
- (i) *It-tip tal-PEPP*
 - (ii) *L-isem tal-PEPP*
 - (iii) *L-isem u d-dettalji ta' kuntatt u, jekk xieraq, in-numru tal-awtorizzazzjoni tal-fornitur tal-PEPP mill-awtorità nazzjonali kompetenti u -ċertifikazzjoni mill-EIOPA;*
 - (iv) *L-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti tal-fornitur tal-PEPP;*
 - (v) *Id-data tad-Dokument bit-Tagħrif Ewlieni dwar il-PEPP*
 - (vi) *Dettalji dwar l-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 4;*
 - (vii) *Informazzjoni relatata mal-politika ta' investiment tal-PEPP f'termini tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza;*
 - (viii) *Informazzjoni dwar kwalunkwe impatt li l-għażla taż-żmien tal-irtirar jista' jkollha fuq ir-riskji u l-benefiċċji tal-irtirar tal-PEPP;*
 - (ix) *Deskrizzjoni tal-għażliet ta' dekulazzjoni u dikjarazzjoni li jista' jkun prudenti li jiġu kkunsidrati pariri dwar dawn l-għażliet qabel l-irtirar.*
- (b) *Direttament wara l-informazzjoni ta' taħt it-titolu tad-dokument bit-tagħrif ewlieni dwar il-PEPP irid jkun hemm nota spjegattiva. Din għandha taqra: "Dan id-dokument jipprovdulek informazzjoni ewlenija dwar dan il-PEPP. Dan mhuwiex materjal ta' kummerċjalizzazzjoni. L-informazzjoni hija meħtieġa bil-liġi biex tgħinek tifhem in-natura, ir-riskji, l-ispejjeż, il-gwadanji u t-telf potenzjali ta' dan il-prodott u biex tgħinek tipparagunah ma' prodotti oħrajn.";*
- (c) *F'taqsimha intitolata "X'inhu dan*

il-prodott?", minbarra l-informazzjoni msemija fl-Artikolu 23(3) ta' dan ir-regolament [dwar il-PEPP], in-natura u l-karatteristiċi ewlenin tal-PEPP, inkluż:

(i) Informazzjoni ġenerali dwar is-servizz tal-portabilità - "Aħna noffru servizz tal-portabilità fl-Istati Membri li ġejjin tal-Unjoni Ewropea:" - u lista tal-Istati Membri kkonċernati;

(ii) Informazzjoni ġenerali dwar is-servizz tal-bdil: "Inti tista' taqleb il-fornituri u l-għażliet ta' investiment kull 5 snin rispettivament. Għal dan, aħna nitolbuk ħlas ta' [x] % tal-kapital akkumulat sal-punt tal-bdil.";

(iii) Meta l-PEPP joffri benefiċċji tal-assigurazzjoni waqt il-fażi tal-akkumulazzjoni, id-dettalji ta' dawk il-benefiċċji tal-assigurazzjoni, inklużi ċ-ċirkostanzi li jiskattawhom;

(iv) Informazzjoni disponibbli relatata mal-istrateġija ta' investiment fid-dawl tal-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza;

(v) Il-liġi applikabbli għall-kuntratt tal-PEPP meta l-partijiet ma jkollhomx għażla libera tal-liġi jew, meta l-partijiet ikunu liberi li jagħżlu l-liġi applikabbli, il-liġi li l-fornitur tal-PEPP jipproponi li tingħażel;

(d) Taħt taqsima intitolata "X'inhuma r-riskji u x'nista' niggwadanja?", deskrizzjoni qasira tal-profil tar-riskji u l-gwadanji li tinkludi l-elementi li ġejjin:

(i) indikatur tar-riskju sommarju;

(ii) L-ammont ta' protezzjoni tal-kapital kontra r-riskji tas-suq - espress f'perċentwal tal-kapital imħallas - fit-tmiem tal-fażi tal-akkumulazzjoni;

(iii) Fejn applikabbli, dettalji dwar l-ammont totali mħallas sal-età ta' 80, 90 u 100 sena tal-faddal tal-PEPP abbażi ta' tliet xenarji ta' prestazzjoni - 1 %, 2 % u 3 % - matul il-fażi tad-dekumulazzjoni, inkluż rata medja ta' inflazzjoni ta' 4 %

fis-sena;

(iv) Dettalji dwar il-ħlas minimu ggarantit tul il-ħajja kull xahar għal kull EUR 10 000 ta' kapital imħallas;

(v) Dikjarazzjoni fil-qosor li l-leġiżlazzjoni tat-taxxa tal-Istat Membru tad-domiċilju tal-faddal tal-PEPP jista' jkollha impatt fuq l-iżborż innifsu;

(e) Taħt taqsima intitolata "X'jiġri jekk [l-isem tal-fornitur tal-PEPP] ma jkunx jista' jagħti żborż?", deskrizzjoni qasira dwar jekk it-telf relatat huwiex kopert minn skema ta' garanzija jew kumpens għall-investituri u, jekk dan ikun il-każ, liema skema hi, u liema riskji huma koperti mill-iskema u liema mhumiex;

(f) Taħt taqsima intitolata "X'inhuma l-ispejjeż?", l-ispejjeż diretti u indiretti probabbli assoċjati ma' investiment tal-PEPP, aggregati u espressi bħala perċentwal tal-assi investiti sabiex tiġi żgurata paragunabilità diretta. Fir-rigward tal-preżentazzjoni tal-ispejjeż, għandha tiġi preżunta żieda annwali kostanti ta' 2 % tal-assi investiti;

(g) Taħt taqsima intitolata "Għal kemm żmien għandi nżomm il-PEPP u nista' nagħmel prelevament bikri tal-flus?":

(i) Indikazzjoni tal-perjodu ta' żamma rrakkomandat, abbażi tal-età tal-pensjoni, u, fejn ikun xieraq, kwalunkwe perjodu ta' żamma minimu obbligatorju;

(ii) Il-possibbiltà ta' terminazzjoni bikrija tal-kuntratt tal-PEPP u l-kundizzjonijiet biex dan isir, inklużi l-ispejjeż u t-tariffi applikabbli kollha;

(iii) Informazzjoni dwar il-konsegwenzi potenzjali tat-terminazzjoni tal-kuntratt qabel tmiem il-fażi ta' akkumulazzjoni jew il-perjodu ta' żamma rrakkomandat, bħat-telf tal-protezzjoni tal-kapital jew tariffi ta' kontinġenza addizzjonali;

(h) *Taħt taqsima intitolata "Kif nista' nressaq ilment?", informazzjoni dwar kif u lil min faddal tal-PEPP jista' jressaq ilment dwar il-prodott jew l-imġiba tal-fornitur tal-PEPP jew ta' persuna li tagħti pariri dwar il-prodott jew tbigħu;*

(i) *Taħt taqsima intitolata "Informazzjoni rilevanti oħra", referenza fil-qasor għal kwalunkwe dokument ta' informazzjoni addizzjonali, bħal kwalunkwe rapport dwar is-solvenza u l-pożizzjoni finanzjarja tal-fornitur tal-PEPP, bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe materjal ta' kummerċjalizzazzjoni;*

(j) *Id-dokument bit-tagħrif ewlieni għandu jkun faċilment disponibbli fuq is-sit web tal-fornitur, b'aċċess tat-tniżżil.*

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Il-faddala potenzjali tal-PEPP għandhom jiġu pprovduti wkoll b'informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imġhoddi tal-investimenti relatati mal-iskema tal-PEPP li tkopri minimu ta' **ħames snin** jew, meta l-iskema tkun ilha topera inqas minn **ħames snin**, li tkopri s-snin kollha kemm ilha topera l-iskema, kif ukoll b'informazzjoni dwar l-istruttura tal-kostijiet **imġarrba** mill-faddala tal-PEPP u mill-benefiċjarji tal-PEPP.

Emenda

5. Il-faddala potenzjali tal-PEPP għandhom jiġu pprovduti wkoll b'informazzjoni dwar il-prestazzjoni fl-imġhoddi tal-investimenti relatati mal-iskema tal-PEPP li tkopri minimu ta' **20 sena b'ċifri għal kull sena individwali**, jew, meta l-iskema tkun ilha topera inqas minn **20 sena**, li tkopri s-snin kollha kemm ilha topera l-iskema, kif ukoll b'informazzjoni **ċara** dwar l-istruttura tal-kostijiet **u t-tariffi kollha mġarrba** mill-faddala tal-PEPP u mill-benefiċjarji tal-PEPP. **F'każ li l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi pprovduta minħabba li l-iskema tal-PEPP tkun ilha teżisti inqas minn sena, il-faddala tal-PEPP mill-inqas għandu jkollhom aċċess għall-prestazzjoni ta' skema ta' investimenti komparabbli.**

Emenda 103

Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Il-fornituri tal-PEPP u d-distributuri tal-PEPP għandhom jikkonformaw mal-Artikoli 9 sa 18 tar-Regolament (UE) Nru 1286/2014.

Emenda 104

Proposta għal regolament Artikolu 25 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Speċifikazzjoni tat-talbiet u **tal-ħtiġijiet** u l-għoti ta' pariri

Speċifikazzjoni tat-talbiet, tal-ħtiġijiet u **tal-preferenzi** u l-għoti ta' pariri

Emenda 105

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Qabel il-konklużjoni ta' kuntratt relatat mal-PEPP, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandu jispeċifika, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mingħand il-fornitur tal-PEPP, it-talbiet relatati mal-irtirar u l-ħtiġijiet ta' dak il-faddal tal-PEPP u għandu jipprovdi lill-faddal tal-PEPP b'informazzjoni oġġettiva dwar il-PEPP f'forma komprensibbli biex il-faddal tal-PEPP ikun jista' jieħu deċiżjoni informata.

Qabel il-konklużjoni ta' kuntratt relatat mal-PEPP, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandu jispeċifika, fuq il-bażi tal-informazzjoni miksuba mingħand il-fornitur tal-PEPP, it-talbiet relatati mal-irtirar u l-ħtiġijiet **u l-preferenzi, inklużi l-preferenzi relatati mal-ESG** ta' dak il-faddal tal-PEPP u għandu jipprovdi lill-faddal tal-PEPP b'informazzjoni oġġettiva dwar il-PEPP f'forma komprensibbli biex il-faddal tal-PEPP ikun jista' jieħu deċiżjoni informata.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-għan tal-parir għandu jkun li jivvaluta l-averżjoni għar-riskju u l-ħiliet finanzjarji ta' faddal tal-PEPP kif ukoll li jgħinu jkun f'pożizzjoni li jagħżel l-investment li jikkorrispondi l-aħjar għall-profil tar-riskju tiegħu.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi speċifikat x'inhu l-għan tal-parir, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-evalwazzjoni ta' profil tar-riskju ta' faddal tal-PEPP.

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Permezz ta' parir, faddal tal-PEPP għandu jiġi informat dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-prodott.

Ġustifikazzjoni

Sabiex jiġi evalwat aħjar il-profil tar-riskju ta' faddal tal-PEPP, informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-PEPP hija adattata.

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 25 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. ***Meta jingħata parir*** qabel il-konklużjoni ta' xi kuntratt speċifiku, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandu jipprovdi lill-faddal tal-PEPP b'rakkomandazzjoni personali li

2. ***Parir għandu jingħata*** qabel il-konklużjoni ta' xi kuntratt speċifiku. Il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandu jipprovdi lill-faddal tal-PEPP b'rakkomandazzjoni personali li

tispjega għaliex PEPP partikolari jkun jissodisfa bl-aħjar mod it-talbiet u ***l-ħtiġijiet*** tal-faddal tal-PEPP.

tispjega għaliex PEPP partikolari jkun jissodisfa bl-aħjar mod it-talbiet u ***l-preferenzi*** tal-faddal tal-PEPP. ***Il-faddal tal-PEPP għandu jirċievi wkoll informazzjoni dwar l-implikazzjonijiet ambjentali, soċjali u ta' governanza ta' dik ir-rakkomandazzjoni personali.***

Emenda 109

Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***Meta jagħti pariri dwar il-PEPPs***, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandu jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali applikabbli li jdaħħlu fis-seħħ ir-regoli stipulati fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2014/65/UE u ma' kwalunkwe leġislazzjoni tal-Unjoni direttament applikabbli adottata skont l-Artikolu 25(8) ta' dik id-Direttiva relatata ma' dawk ir-regoli.

Emenda

3. ***Mingħajr preġudizzju għall-obbligu stabbilit fil-paragrafu preċedenti***, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandu jikkonforma mal-liġijiet nazzjonali applikabbli li jdaħħlu fis-seħħ ir-regoli stipulati fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2014/65/UE u ma' kwalunkwe leġislazzjoni tal-Unjoni direttament applikabbli adottata skont l-Artikolu 25(8) ta' dik id-Direttiva relatata ma' dawk ir-regoli.

Ġustifikazzjoni

Under Article 22(2) of Directive (EU) 2016/97 (IDD), Member States have a national option to make the provision of advice mandatory by insurance distributors prior to the conclusion of any insurance contract. Where a PEPP distributor is an insurance intermediary registered under IDD, Article 19(a) of the PEPP Regulation provides that Chapters V and VI of IDD apply: the national option for mandatory advice (covered by Chapter V) will therefore apply. In some Member States, PEPP contracts distributed by insurance intermediaries will therefore always be sold with prior advice. This will not be the case where PEPP contracts are distributed by investment firms authorized under MiFID II or by any other type of financial undertaking allowed as PEPP provider under Article 5(1) of the PEPP Regulation. This is because neither MiFID II nor the proposed PEPP Regulation currently contains a national option to make the provision of advice mandatory prior to the conclusion of a PEPP contract. This will result in PEPP savers being treated differently depending on the legal status of the PEPP distributor with whom they will deal. These amendments solve this issue and ensure a higher standard for the protection of the PEPP saver.

Emenda 110

Proposta għal regolament Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 26

imħassar

Konklużjoni ta' kuntratt għal PEPP mingħajr parir

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(1), il-faddal tal-PEPP jista' jirrinunzja d-dritt tiegħu li jirċievi pariri b'rabta mal-konklużjoni ta' kuntratt għall-għażla prestabbilita ta' investiment.

Meta l-faddal tal-PEPP jirrinunzja d-dritt tiegħu li jirċievi pariri, il-fornituri jew id-distributuri tal-PEPP imsemmija fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament għandhom, meta jwettqu attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-PEPP, jitolbu lill-faddal tal-PEPP jew lill-faddal potenzjali tal-PEPP jipprovdi informazzjoni dwar l-għarfien u l-esperjenza tal-persuna fil-qasam ta' investiment rilevanti għall-PEPP offrut jew mitlub biex il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP ikun jista' jivvaluta jekk il-PEPP previst huwiex adattat għall-faddal tal-PEPP.

Meta l-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament iqis, fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta skont l-ewwel subparagrafu, li l-prodott mhuwiex xieraq għall-faddal tal-PEPP jew għall-faddal potenzjali tal-PEPP, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP għandu jwissi lill-faddal tal-PEPP jew lill-faddal potenzjali tal-PEPP dwar dan. Dik it-twissija tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat.

Fejn il-faddala tal-PEPP jew il-faddala potenzjali tal-PEPP ma jipprovdux l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, jew fejn ma jipprovdux biżżejjed informazzjoni rigward l-għarfien u l-esperjenza tagħhom, il-fornitur jew id-

distributur tal-PEPP għandu jwissihom li hu mhuwiex f'qagħda li jiddetermina jekk il-PEPP previst hux xieraq għalihom. Dik it-twissija tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(1), meta l-faddal tal-PEPP ikun irrinunzja d-dritt tiegħu li jirċievi parir b'rabta mal-għażla prestabbilita ta' investment, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament jista' jwettaq attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-PEPP mingħajr il-bżonn li jikseb informazzjoni jew jagħmel id-determinazzjoni stipulata fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attivitajiet huma relatati mal-kuntratti tal-PEPP li jikkonċernaw l-għażla prestabbilita ta' investment li jipprovdu biss skopertura ta' investment għall-istrumenti finanzjarji meqjusa mhux kumplessi skont l-Artikolu 25(4)(a) tad-Direttiva 2014/65/UE u ma jinkorporawx struttura li tagħmilha diffiċli għall-faddal tal-PEPP biex jifhem ir-riskji involuti;

(b) id-distribuzzjoni tal-PEPP issir fuq l-inizjattiva tal-faddal tal-PEPP jew tal-faddal potenzajli tal-PEPP;

(c) il-faddal tal-PEPP jew il-faddal potenzajli tal-PEPP ġie informat biċ-ċar li, meta jwettaq l-attività ta' distribuzzjoni tal-PEPP, il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP mhuwiex meħtieġ jivvaluta l-adegwatezza tal-PEPP jew tal-attività ta' distribuzzjoni tal-PEPP ipprovduti jew offruti u li l-faddal tal-PEPP jew il-faddal potenzajli tal-PEPP ma jibbenefikax mill-protezzjoni korrispondenti tar-regoli rilevanti tal-kondotta tal-operazzjonijiet. Tali twissija tista' tiġi pprovduta f'format standardizzat;

(d) il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP jikkonforma mal-obbligi tiegħu skont ir-regoli applikabbli għalih,

f'konformità ma' dan il-Kapitolu, rigward kunflitti ta' interess relatati mal-attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-PEPP.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 62 biex tispeçifika b'mod ulterjuri kif il-fornitur jew id-distributur tal-PEPP imsemmi fl-Artikolu 19(c) ta' dan ir-Regolament iridu jikkonformaw mal-prinçipji stabbiliti f'dan l-Artikolu meta jwettqu attivitajiet ta' distribuzzjoni tal-PEPP, inkluż fir-rigward tal-informazzjoni li jridu jiksbu meta jivvalutaw l-adeqwatezza tal-PEPPs għall-klijenti tagħhom u l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kuntratti mhux kumplessi relatati mal-PEPP għall-finijiet tal-punt (ii) tal-paragrafu 2(a) ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti delegati għandhom iqisu:

(a) in-natura tas-servizzi offruti jew ipprovduti lill-faddal tal-PEPP jew lill-faddal potenzajli tal-PEPP, b'kunsiderazzjoni tat-tip, tal-oġġett, tad-daqs u tal-frekwenza tat-tranżazzjonijiet; u

(b) in-natura tal-prodotti offruti jew ikkunsidrati, inklużi tipi differenti ta' strumenti finanzjarji.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tħassar il-possibbiltà li faddal tal-PEPP jirrinunzja d-dritt tiegħu li jirçievi parir li, fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jingħata lill-konsumaturi tal-PEPP.

Emenda 111

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu dokument konċiż **ippersonalizzat** li jkun fih it-tagħrif ewlieni għal kull faddal tal-PEPP b'kunsiderazzjoni tan-natura

Emenda

1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom ifasslu dokument **ippersonalizzat** konċiż, **ċar u komprensibbli** li jkun fih it-tagħrif ewlieni għal kull faddal tal-PEPP **u għall-**

speċifika tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u tal-liġi soċjali, tax-xogħol u fiskali nazzjonali rilevanti ("Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP"). It-titlu tad-dokument għandu jkun fih il-kliem "Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP".

benefiċjarji tal-PEPP jekk ikun hemm qbil dwar dan min-naħa tal-faddal tal-PEPP, b'kunsiderazzjoni tan-natura speċifika tas-sistemi nazzjonali tal-pensjonijiet u tal-liġi soċjali, tax-xogħol u fiskali nazzjonali rilevanti ("Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP"). It-titlu tad-dokument għandu jkun fih il-kliem "Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP".

Emenda 112

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

3. Barra minn hekk, il-faddal tal-PEPP ***għandu jinżamm informat*** tul it-terminu tal-kuntratt bi kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni li ġejja:

Emenda

3. Barra minn hekk, il-faddal ***u l-benefiċjarji tal-PEPP għandhom jinżammu informati*** tul it-terminu tal-kuntratt bi kwalunkwe bidla li tikkonċerna l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 113

Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) informazzjoni dwar kif il-polza ta' investment tiegħu f'kunsiderazzjoni fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza.

Emenda

(d) informazzjoni dwar kif il-politika ta' investment tiegħu f'kunsiderazzjoni fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza, ***inkluż ir-rwol li jaqdu fil-proċess ta' investment kif ukoll l-impatt fit-tul u l-esternalitajiet tad-deċiżjonijiet tal-investment.***

Ġustifikazzjoni

Il-faddala tal-PEPP jeħtieġ li jiġu informati dwar l-esternalitajiet li d-deċiżjonijiet ta' investment tagħhom għandhom fuq is-soċjetà.

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP għandu jinkludi mill-inqas, din l-informazzjoni essenzjali li ġejja għall-faddala tal-PEPP:

Emenda

1. Ir-Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP għandu ***jiġi pprovdut mingħajr ħlas, kull sena u*** jinkludi mill-inqas, din l-informazzjoni essenzjali li ġejja għall-faddala tal-PEPP ***u għall-benefiċjarji tal-PEPP jekk ikun hemm qbil dwar dan min-naħa tal-faddal tal-PEPP:***

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) id-dettalji personali tal-faddal tal-PEPP, isem il-fornitur tal-PEPP, informazzjoni dwar il-projezzjonijiet tal-benefiċċju tal-pensjoni, informazzjoni dwar l-intitolamenti dovuti jew il-kapital akkumulat, il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-faddal tal-PEPP jew minn kwalunkwe parti terza u informazzjoni dwar il-livell ta' finanzjament tal-iskema tal-PEPP, li għalihom għandu jiġi applikat l-Artikolu 39, paragrafi 1(a), (b), (d), (e), (f) u (h) tad-Direttiva 2016/2341/UE, fejn il-"membru" tfisser il-faddal tal-PEPP, l-"IORP" tfisser il-fornitur tal-PEPP, "skema ta' pensjoni" tfisser l-iskema tal-PEPP u "l-impriża sponsor" tfisser kwalunkwe parti terza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

Emenda

(a) id-dettalji personali tal-faddal tal-PEPP, isem il-fornitur tal-PEPP ***u l-informazzjoni ta' kuntatt tiegħu, identifikazzjoni tal-iskema tal-faddal tal-PEPP,*** informazzjoni dwar il-projezzjonijiet tal-benefiċċju tal-pensjoni, informazzjoni dwar l-intitolamenti dovuti jew il-kapital akkumulat, il-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-faddal tal-PEPP jew minn kwalunkwe parti terza u informazzjoni dwar il-livell ta' finanzjament tal-iskema tal-PEPP, li għalihom għandu jiġi applikat l-Artikolu 39, paragrafi 1(a), (b), (d), (e), (f) u (h) tad-Direttiva 2016/2341/UE, fejn il-"membru" tfisser il-faddal tal-PEPP, l-"IORP" tfisser il-fornitur tal-PEPP, "skema ta' pensjoni" tfisser l-iskema tal-PEPP u "l-impriża sponsor" tfisser kwalunkwe parti terza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e a) sommarju dwar il-prinċipji tal-politika ta' investiment tal-fornitur tal-PEPP li huma deskritti f'aktar dettall fl-informazzjoni supplimentari skont l-Artikolu 29(c) ta' dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

L-aktar informazzjoni rilevanti dwar il-prinċipji tal-politika ta' investiment tal-fornituri tal-PEPP jeħtieġ li tiġi stabbilita fir-Rapport tal-Benefiċċju tal-PEPP, filwaqt li dettalji ulterjuri jithallem għall-informazzjoni supplimentari deskritta fl-Artikolu 29.

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) informazzjoni dwar il-previżjonijiet tal-benefiċċji tal-pensjoni abbażi tal-età tal-pensjoni kif speċifikat fil-punt (a), u dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà li daww il-projezzjonijiet jistgħu jvarjaw mill-valur finali tal-benefiċċji riċevuti. Dawn għandhom jintwerew fuq il-bażi ta' xenarji ekonomiċi, inkluż xenarju tal-aħjar stima u xenarju mhux favorevoli, filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-iskema tal-PEPP.

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ec) informazzjoni dwar l-intitolamenti tal-pensjoni akkumulati jew il-kapital tal-pensjoni akkumulat, filwaqt li titqies in-

Emenda 119

Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt ed (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ed) Informazzjoni dwar x'jiġri fil-każ ta' mewt tal-faddal jew ta' benefiċjarju tal-PEPP

Emenda 120

Proposta għal regolament Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Informazzjoni li għandha tingħata lill-faddala tal-PEPP matul il-fażi ta' qabel l-irtirar u lill-benefiċjarji tal-PEPP matul il-fażi ta' dekkumulazzjoni

Informazzjoni li għandha tingħata lill-faddala **u lill-benefiċjarji** tal-PEPP matul il-fażi ta' qabel l-irtirar u lill-benefiċjarji tal-PEPP matul il-fażi ta' dekkumulazzjoni

Emenda 121

Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-faddala tal-PEPP għandhom jirċievu informazzjoni matul il-fażi ta' qabel l-irtirar kif stipulat fl-Artikolu 42 tad-Direttiva 2016/2341/UE.

1. Il-faddala **u l-benefiċjarji** tal-PEPP **fuq it-talba tal-faddala tal-PEPP jew fuq ordni tal-qorti**, għandhom jirċievu informazzjoni matul il-fażi ta' qabel l-irtirar kif stipulat fl-Artikolu 42 tad-Direttiva 2016/2341/UE. **Din l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-inqas sena qabel l-età tal-irtirar u tkun tinkludi informazzjoni dwar il-bidu imminenti tal-fażi ta' dekkumulazzjoni u l-forom possibbli ta' ħlasijiet.**

Emenda 122

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) għall-valutazzjoni tal-governanza applikata mill-fornituri tal-PEPP, in-negozju li jkunu qegħdin iwettqu, il-prinċipji ta' valutazzjoni applikati għall-finijiet tas-solvibbiltà, ir-riskji indirizzati u s-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju, u l-istruttura kapitali, il-ħtiġijiet u l-ġestjoni tagħhom;

Emenda

(a) għall-valutazzjoni tal-governanza applikata mill-fornituri tal-PEPP, in-negozju li jkunu qegħdin iwettqu, il-prinċipji ta' valutazzjoni applikati għall-finijiet tas-solvibbiltà, ir-riskji indirizzati u s-sistemi ta' mmaniġġjar tar-riskju, ***inkluża l-integrazzjoni tar-riskji relatati mal-ESG***, u l-istruttura kapitali, il-ħtiġijiet u l-ġestjoni tagħhom;

Emenda 123

Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) li jiksbu mill-fornituri tal-PEPP kwalunkwe informazzjoni dwar il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza skont l-Artikolu 31a;

Emenda 124

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b a) skont ir-regola tal-persuna prudenti, il-fornituri tal-PEPP għandhom iqisu l-impatt potenzjali fit-tul tad-deċiżjonijiet ta' investiment fuq il-fatturi ambjentali, soċjali u ta' governanza.

Emenda 125

Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) *investiment fi strumenti derivattivi għandu jkun possibbli sal-limitu li dawn l-istrumenti jikkontribwixxu għal tnaqqis tar-riskji ta' investiment jew jiffaċilita l-immaniġġjar effiċjenti tal-portafoll. Dawk l-istrumenti għandhom ikunu stmati fuq bażi prudenzjali, filwaqt li jittieħed kont tal-assi sottostanti, u inklużi fil-valwazzjoni tal-assi ta' fornitur tal-PEPP. Il-fornituri tal-PEPP għandhom jevitaw ukoll milli kontroparti waħda u operazzjonijiet derivattivi oħra jiġu skoperti eċċessivament għar-riskji;*

imħassar

Emenda 126

**Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt f**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) *l-assi ma għandhomx ikunu investiti* f'għurisidizzjoni ta' riskju għoli u li ma tikkooperax identifikata mit-Task Force tal-Azzjoni Finanzjarja;

(f) *Investiment* f'għurisidizzjoni ta' riskju għoli u li ma tikkooperax identifikata mit-Task Force tal-Azzjoni Finanzjarja ***huwa pprojbit;***

Emenda 127

**Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom joffru ***sa ħames*** opzjonijiet ta' investiment lill-faddala tal-PEPP.

1. Il-fornituri tal-PEPP għandhom joffru ***tal-anqas il-PEPP prestabbilit u/jew diversi*** opzjonijiet ta' investiment lill-faddala tal-PEPP.

Emenda 128

**Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-faddal tal-PEPP għandu jagħżel **opzjoni** ta' investiment mal-konklużjoni tal-kuntratt tal-PEPP.

Emenda

Il-faddal tal-PEPP għandu jagħżel **waħda mid-diversi opzjonijiet** ta' investiment mal-konklużjoni tal-kuntratt tal-PEPP.

Emenda 129

**Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. **Il-faddal** tal-PEPP għandu jkun kapaċi jagħżel opzjoni ta' investiment differenti darba kull ħames snin ta' akkumulazzjoni fil-PEPP.

Emenda

1. **It-termini għall-modifika tal-opzjoni ta' investiment għandhom jiġu elenkati fil-kuntratt tal-PEPP. Fi kwalunkwe każ**, il-faddal tal-PEPP għandu jkun kapaċi jagħżel opzjoni ta' investiment differenti darba kull ħames snin ta' akkumulazzjoni fil-PEPP

Ġustifikazzjoni

Il-faddala tal-PEPP jenħtieġ li jkunu jistgħu jbiddu l-opzjonijiet ta' investiment darba kull ħames snin jew anke aktar kmieni, jekk dan ikun permess mill-kuntratt tal-PEPP tagħhom.

Emenda 130

**Proposta għal regolament
Artikolu 37**

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 37

Opzjoni prestabbilita ta' investiment

1. **L-opzjoni** prestabbilita ta' investiment għandha **tiżgura protezzjoni tal-kapital għall-faddal tal-PEPP, fuq il-bażi ta' teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju li tirriżulta fi strateġija sikura ta' investiment.**

Emenda

Artikolu 37

Opzjoni prestabbilita ta' investiment

1. **Il-fornitur tal-PEPP għandu jiggwarantixxi lill-faddal tal-PEPP taħt l-għażla prestabbilita li l-kapital akkumulat sal-bidu tal-fażi tal-ħlas mill-anqas se jkun daqs il-kontribuzzjonijiet imħallsa inklużi l-ispejjeż u t-tariffi kollha flimkien ma' kumpens għall-inflazzjoni skont l-indiċi applikabbli, iżda mhux aktar minn**

medja ta' inflazzjoni annwali ta' 4 %. L-opzjoni prestabbilita ta' investiment għandha tkun prodott sempliċi u sikur li jkun jista' jinftiehem u jinkiseb faċilment, inkluż b'mezzi diġitali, f'kull Stat Membru.

2. Il-protezzjoni tal-kapital għandha tippermetti lill-faddal tal-PEPP jirkupra l-kapital investit.

2. Il-protezzjoni tal-kapital għandha *toffri garanzija tal-kapital li* tippermetti lill-faddal tal-PEPP jirkupra l-kapital investit, *inklużi t-tariffi, il-kostijiet u l-kumpens għall-inflazzjoni.*

Emenda 131

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Jekk il-fornituri tal-PEPP joffru opzjonijiet alternattivi ta' investiment, *tal-inqas waħda minnhom għandha toffri opzjoni ta' investiment kosteffiċjenti* lill-faddala tal-PEPP.

Emenda

1. Jekk il-fornituri tal-PEPP joffru opzjonijiet alternattivi ta' investiment, *kollha għandhom joffru* opzjoni *prestabbilita* lill-faddala tal-PEPP.

Emenda 132

Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fornituri tal-PEPP *jistgħu joffru PEPPs b'għażla li tiżgura l-kopertura tar-riskju għal riskji bijometriċi. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, "riskji bijometriċi" tfisser riskji marbuta mal-lonġevità, mad-diżabbiltà u mal-mewt.*

Emenda

Il-fornituri tal-PEPP *għandhom jinkludu garanzija fuq il-kapital investit għal mewt u diżabbiltà permanenti tal-faddal tal-PEPP waqt il-fażi ta' akkumulazzjoni.*

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni tat-terminu tmexxiet għall-Artikolu 2.

Emenda 133

Proposta għal regolament Artikolu 45 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Is-servizz tal-bdil jista' jiġi pprovdut mill-fornituri tal-PEPP stabbiliti fl-istess Stat Membru (bdil domestiku) jew fi Stati Membri differenti (bdil transfruntier).

Emenda

It-termini għall-bdil tal-fornituri tal-PEPP għandhom jiġu elenkati fil-kuntratt tal-PEPP. Fi kwalunkwe każ, il-faddal tal-PEPP għandu jkun kapaċi jbidel il-fornitur tal-PEPP darba kull ħames snin ta' akkumulazzjoni fil-PEPP.

Emenda 134

Proposta għal regolament Artikolu 46 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fi żmien *jumejn* ta' xogħol mir-riċevuta *tal-awtorizzazzjoni msemmija* fil-paragrafu 2, il-fornitur tal-PEPP riċevitur għandu jitlob lill-fornitur tal-PEPP trasferitur iwettaq il-kompiti li ġejjin, jekk dan ikun stipulat *fl-awtorizzazzjoni* tal-faddal tal-PEPP:

- a) jibgħat lill-fornitur tal-PEPP riċevitur u, *jekk dan ikun mitlub b'mod speċifiku mill-faddal tal-PEPP, lill-faddal tal-PEPP*, lista tal-ammonti eżistenti li għalihom qed jinbidel il-fornitur;
- b) jittrasferixxi kwalunkwe bilanċ pożittiv fil-kont tal-PEPP *miftuħ jew miżmum mal-fornitur tal-PEPP riċevitur fid-data* speċifikata mill-faddal tal-PEPP; u
- c) jagħlaq il-kont tal-PEPP miżmum mal-fornitur tal-PEPP trasferitur *fid-data* speċifikata mill-faddal tal-PEPP.

Emenda

3. Fi żmien *ħamest ijiem* ta' xogħol mir-riċevuta *tat-talba tal-PEPP imsemmija* fil-paragrafu 2, il-fornitur tal-PEPP riċevitur għandu jitlob lill-fornitur tal-PEPP trasferitur iwettaq il-kompiti li ġejjin, jekk dan ikun stipulat *fit-talba* tal-faddal tal-PEPP:

- a) jibgħat lill-fornitur tal-PEPP riċevitur u, *anki lill-faddal tal-PEPP, fuq talba speċifika tagħhom*, lista tal-ammonti eżistenti li għalihom qed jinbidel il-fornitur;
- (b) jittrasferixxi kwalunkwe bilanċ pożittiv *li jifdal* fil-kont tal-PEPP miżmum mal-fornitur tal-PEPP riċevitur *mid-data* speċifikata mill-faddal tal-PEPP; u
- (c) jagħlaq il-kont tal-PEPP miżmum mal-fornitur tal-PEPP trasferitur *mid-data* speċifikata mill-faddal tal-PEPP.

Emenda 135

Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. It-tariffi u l-miżati totali mitluba mill-fornitur tal-PEPP trasferitur mingħand il-faddal tal-PEPP għall-għeluq tal-kont tal-PEPP miżmum miegħu għandhom ikunu limitati għal mhux iktar minn **1,5 %** tal-bilanċ pożittiv li għandu jiġi ttrasferit lill-fornitur tal-PEPP riċevitur.

Emenda

3. It-tariffi u l-miżati totali mitluba mill-fornitur tal-PEPP trasferitur mingħand il-faddal tal-PEPP għall-għeluq tal-kont tal-PEPP miżmum miegħu għandhom ikunu limitati għal mhux iktar minn **0,5 %** tal-bilanċ pożittiv li għandu jiġi ttrasferit lill-fornitur tal-PEPP riċevitur. ***Il-Kummissjoni għandha teżamina r-rinunzja tat-tariffa għall-bidla tal-fornituri bħala inċentiv biex jiġi promoss il-prodott tal-PEPP.***

Emenda 136

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 4**

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***It-tariffi u l-miżati, jekk jeżistu, mitluba*** mill-fornitur tal-PEPP ***trasferitur jew riċevitur lill-faddal tal-PEPP għal kwalunkwe servizz ipprovdut skont l-Artikolu 46, għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, għandhom ikunu raġonevoli u konformi mal-kostijiet attwali ta' dak il-fornitur tal-PEPP.***

Emenda

4. ***Fil-kuntest tal-proċess tal-bdil, is-servizzi mogħtija*** mill-fornitur tal-PEPP riċevitur għandhom ikunu ***mingħajr ħlas.***

Emenda 137

**Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-fornituri tal-PEPP għandhom jagħtu lill-faddala tal-PEPP l-informazzjoni li ġejja dwar is-servizz tal-bdil:

Emenda

Il-fornituri tal-PEPP ***riċevituri*** għandhom jagħtu lill-faddala tal-PEPP l-informazzjoni li ġejja dwar is-servizz tal-bdil:

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Dawn il-kundizzjonijiet **jistgħu** jinkludu b'mod partikolari l-issettjar tal-età tal-irtirar, ta' rabta obbligatorja bejn l-ilħuq tal-età tal-irtirar u l-bidu tal-fażi ta' dekulazzjoni, ta' perjodu minimu ta' appartenenza għal skema tal-PEPP, ta' perjodu massimu qabel l-ilħuq tal-età tal-irtirar għad-dħul fi skema tal-PEPP, kif ukoll tal-kundizzjonijiet tat-tifdija fil-każ ta' diffikultà partikolari.

Emenda

2. Dawn il-kundizzjonijiet **għandhom** jinkludu b'mod partikolari l-issettjar tal-età tal-irtirar, ta' rabta obbligatorja bejn l-ilħuq tal-età tal-irtirar u l-bidu tal-fażi ta' dekulazzjoni, ta' perjodu minimu ta' appartenenza għal skema tal-PEPP, ta' perjodu massimu qabel l-ilħuq tal-età tal-irtirar għad-dħul fi skema tal-PEPP, kif ukoll tal-kundizzjonijiet tat-tifdija fil-każ ta' diffikultà partikolari.

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-fornituri tal-PEPP **jistgħu jqiēghdu** għad-dispożizzjoni tal-faddala tal-PEPP formola waħda jew iktar minn fost dawn il-formoli ta' hłas li ġejjin:

Emenda

1. Il-fornituri tal-PEPP **għandhom iqiēghdu** għad-dispożizzjoni tal-faddala tal-PEPP formola waħda jew iktar minn fost dawn il-formoli ta' hłas li ġejjin:

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 52 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-għażla tal-forma tal-ħlasijiet għall-fażi ta' dekulazzjoni għandha tiēi eżerċitata mill-faddala tal-PEPP mal-konklużjoni ta' kuntratt tal-PEPP u tista' tinbidel darba kull hłas snin wara matul **il-fażi** ta' akkulazzjoni, **jekk applikabbli**.

Emenda

2. L-għażla tal-forma tal-ħlasijiet għall-fażi ta' dekulazzjoni għandha tiēi eżerċitata mill-faddala tal-PEPP mal-konklużjoni ta' kuntratt tal-PEPP u tista' tinbidel darba kull hłas snin wara **u** matul **l-aħħar sena tal-fażi** ta' akkulazzjoni. **Din il-possibiltà tal-bdil għandha tkun mingħajr hłas**.

Ġustifikazzjoni

Matul l-aħħar sena tal-fażi ta' akkulazzjoni, il-klijent jenħtieē li jkollu l-possibiltà li jbidel l-għażla tieēu għall-fażi ta' dekulazzjoni.

Emenda 141

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2 a. Meta l-Istati Membri ma jkunux imponew rabta obbligatorja bejn l-ilħuq tal-età tal-irtirar u l-bidu tal-fażi ta' dekkumulazzjoni, il-fornituri tal-PEPP għandhom jagħtu lill-faddala tal-PEPP l-għażla li jiddiferixxu l-bidu tal-fażi ta' dekkumulazzjoni għal data wara li jkunu laħqu l-età tal-irtirar.

Ġustifikazzjoni

Il-klijenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-PEPP tagħhom aktar tard matul l-irtirar tagħhom.

Emenda 142

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2b. Fir-rigward tal-opzjoni prestabbilita ta' investiment, minimu ta' 25 % tal-ħlasijiet fil-forma ta' annwalitajiet għandhom ikunu obbligatorji.

Emenda 143

Proposta għal regolament Artikolu 52 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2c. Meta, mal-bidu tal-fażi ta' dekkumulazzjoni, il-valur globali tal-assi akkumulati f'kont ta' PEPP ma jaqbiżx ammont li għandu jiġi stabbilit u rivedut kull sena minn kull Stat Membru, il-

faddal tal-PEPP għandu jkollu d-dritt li jillikwida l-kont tal-PEPP u jirċievi pagament f'somma waħda.

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament jenħtieġ li jippermetti lill-PEPPs żgħar jiġu likwidati permezz ta' pagament f'somma waħda mal-irtirar.

Emenda 144

Proposta għal regolament Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-awtorità kompetenti tal-fornitur tal-PEPP għandha tissorvelja l-konformità ma' dan ir-Regolament fuq bażi kontinwa. Għandha tkun responsabbli wkoll għas-superviżjoni tal-konformità mal-obbligi stabbiliti fir-regoli jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fornitur tal-PEPP, u tal-adeqwatezza u tal-organizzazzjoni tiegħu bil-kompiti li jrid iwettaq meta jipprovdi PEPP.

Emenda

1. L-awtorità kompetenti tal-fornitur tal-PEPP ***tal-Istat Membru tad-domiċilju*** għandha tissorvelja l-konformità ma' dan ir-Regolament fuq bażi kontinwa. Għandha tkun responsabbli wkoll għas-superviżjoni tal-konformità mal-obbligi stabbiliti fir-regoli jew fl-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fornitur tal-PEPP, u tal-adeqwatezza u tal-organizzazzjoni tiegħu bil-kompiti li jrid iwettaq meta jipprovdi PEPP.

B'deroga għall-ewwel subparagrafu, il-konformità mill-fornitur tal-PEPP u mid-distributur tal-PEPP mal-Kapitolu IV ta' dan ir-Regolament għandha tiġi sorveljata fuq bażi kontinwa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tal-fornitur tal-PEPP u tad-distributur tal-PEPP.

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tipprovdi ċertezza legali fir-rigward ta' liema NCA hija responsabbli għas-superviżjoni kontinwa tal-fornituri u tad-distributuri tal-PEPP f'sitwazzjonijiet transfruntieri, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli dwar id-distribuzzjoni u r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 63 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u, wara li tikkonsulta mal-EIOPA, tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Emenda

Kull ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u, wara li tikkonsulta mal-EIOPA, tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Meta tabbozza r-rapport, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Emenda 146

Proposta għal regolament Artikolu 63 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u, wara li tikkonsulta mal-EIOPA, tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Emenda

Ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u, wara li tikkonsulta mal-EIOPA, tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

Din l-evalwazzjoni partikolari għandha tqis b'mod partikolari l-valur miżjud tal-PEPP fl-eliminazzjoni tad-diskrepanza fil-pensjonijiet u l-valur miżjud għal investimenti fit-tul. B'mod aktar speċifiku, l-evalwazzjoni jenħtieġ li tipprovdi data li tippermetti verifika ta' jekk il-ħolqien ta' suq tal-PEPP ikkontribwixxiex biex aktar ċittadini Ewropej ikollhom aċċess għal pensjonijiet adegwati.

Emenda 147

Proposta għal regolament Artikolu 63 – paragrafu 2b (ġdid)

Il-Kummissjoni għandha twaqqaf bord mal-partijiet ikkonċernati rilevanti għas-sorveljanza kontinwa tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-PEPP. Dak il-bord għandu jinkludi mill-inqas l-EIOPA, is-superviżuri nazzjonali, rappreżentanti tal-industrija u tal-klijenti u l-esperti indipendenti, inkluż mill-inqas espert wieħed tal-ESG. Is-segretarjat tal-bord għandu jkun l-EIOPA.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Prodott tal-Pensjoni Personali pan-Ewropew	
Referenzi	COM(2017)0343 – C8-0219/2017 – 2017/0143(COD)	
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 11.9.2017	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	EMPL 11.9.2017	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Heinz K. Becker 3.10.2017	
Eżami fil-kumitat	25.4.2018	19.6.2018
Data tal-adozzjoni	28.6.2018	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 4 0: 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Laura Agea, Guillaume Balas, Tiziana Beghin, Brando Benifei, Enrique Calvet Chambon, David Casa, Michael Detjen, Geoffroy Didier, Martina Dlabajová, Elena Gentile, Marian Harkin, Czesław Hoc, Agnes Jongerius, Rina Ronja Kari, Jan Keller, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Jean Lambert, Jeroen Lenaers, Thomas Mann, Anthea McIntyre, Elisabeth Morin-Chartier, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Marek Plura, Dennis Radtke, Terry Reintke, Siôn Simon, Marita Ulvskog	
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Arena, Georges Bach, Tania González Peñas, Krzysztof Hetman, Dieter-Lebrecht Koch, Eduard Kukan, Edouard Martin, Ivari Padar, Sven Schulze, Tom Vandenkendelaere	
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Dimitrios Papadimoulis, Martin Schirdewan	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
ALDE	Enrique Calvet Chambon, Martina Dlabajová, Marian Harkin
ECR	Czesław Hoc, Anthea McIntyre
PPE	Georges Bach, David Casa, Geoffroy Didier, Krzysztof Hetman, Dieter-Lebrecht Koch, Ádám Kósa, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Eduard Kukan, Jeroen Lenaers, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Marek Plura, Dennis Radtke, Sven Schulze, Tom Vandenkendelaere
S&D	Maria Arena, Guillaume Balas, Brando Benifei, Michael Detjen, Elena Gentile, Agnes Jongerius, Jan Keller, Edouard Martin, Ivari Padar, Emilian Pavel, Georgi Pirinski, Siôn Simon, Marita Ulvskog
VERTS/ALE	Jean Lambert, Terry Reintke

4	-
GUE/NGL	Tania González Peñas, Rina Ronja Kari, Dimitrios Papadimoulis, Martin Schirdewan

2	0
EFDD	Laura Agea, Tiziana Beghin

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni